# ĠIMGĦA MQADDSA 2013



**Għaqda Każin Banda San Filep**
**AD 1851**

# PERS Electronics

*The electronics' specialists*

Address: 1, Vjal il-Helsien,
Ħaż-Żebbuġ
Tel: 21 463 100 Mob: 9980 1277
Email: persmalta@gmail.com
Web: www.perselectronics.com

**Computers, Laptops, Network Devices**
**Tablets, Printers, Media & Accessories**

**Smart Phones, 3G Phones, Accessories**
**Cordless phones, Office & Home phones**

**LED TVs, Smart TVs, Surround Systems,**
**Bluray Players, DVD Players & Accessories.**

**Digital Cameras, HD Video Cameras, Digital Frames,**
**Express Photo service, Passport Photos, Albums, Frames,**
**Digital Printing on Mugs, T-Shirts, Mouse Pads & more.**

## WE REPAIR & SERVICE

**COMPUTERS - MOBILES - TVs - DIGITAL CAMERAS - MANY MORE**

## GO Exclusive Dealer

Services offered: Mobile - TV - Phone - Internet
Opening Hours: Monday - Saturday 8:00am - 12:00pm
4:00pm - 7:00pm
Bill Payments at NO EXTRA CHARGE!

## Editorjal

# Kontribut Kulturali

Sa mill-bidu tal-eżistenza tagħha l-Banda San Filep bdiet tagħti kontribut sinifikanti fil-ħajja kulturali ta' Ħaż-Żebbuġ permezz tal-mużika. Dan sar primarjament bit-tagħlim tal-mużika lil nies illi kieku ma kien qatt ikollhom l-opportunità li jitgħallmuha kif ukoll billi tferraħ lil dawk kollha li kienu jisimgħu d-daqq tagħha. F'dan kienet pijuniera. Sa mill-bidu kellha surmastrijiet tajbin: Filippu Galea li beda din il-banda fiż-żgħożija tiegħu, Indri Borg, li kompla wara Galea kien ġenju li minkejja l-inkapaċità li kellu (kien għama) rnexxielu jikteb, jgħallem u jidderieġi l-mużika. Wara dawn ġew ħmistax oħra li ħallew timbru kulturali fuq din il-banda ewlenija.

Minbarra s-sehem kbir u kontinwu tal-Banda San Filep fil-festa tal-patrun ta' Ħaż-Żebbuġ u f'avvenimenti nazzjonali, din il-banda ilha li bdiet takkumpanja l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tal-Parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ mal-160 sena. Uħud mill-marċi funebri li kitbu s-surmastrijiet tagħha tant huma sbieħ li llum saru jdoqquhom bosta baned Maltin. Fost dawn jispikkaw il-kompożizzjonijiet ta' Angelo Melilli bħal 'Il Cipresso' u 'Mesto Ricordo'.

Fatt kurjuż jirrigwarda l-marċ 'Il Cipresso'. Kemm il-Banda San Filep u kemm il-Banda San Ġorġ ta' Bormla għandhom manuskritt oriġinali ta' dan il-marċ. Meta tqabbilhom issib li l-kompożitur bidel ftit ir-ritornell minn wieħed għall-ieħor u ħalla l-kumplament xorta. B'hekk ħoloq żewġ kompożizzjonijiet li ħallihom bl-istess isem peress li kienu kważi l-istess. Għaliex għamel hekk? Ma nafux b'ċertezza imma nistgħu nobsru li ried jittratta maż-żewġ baned xorta peress li kien jidderiġihom fl-istess żmien u jidher li kien għal qalbu mat-tnejn.

Għal madwar erbgħin sena, il-Banda San Filep daqqet mal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira kull sena. Imbagħad fl-1892, it-tieni banda ta' Ħaż-Żebbuġ wriet ix-xewqa li hi wkoll tieħu sehem. Sar ftehim li jibdew jalternaw. Ittellgħet ix-xorti għal min jibda u mess lill-Banda San Filep li mis-sena 1892 sal-1940 daqqet fis-snin biż-żewġ. Ġara li minħabba l-gwerra fl-1942 l-purċissjoni ma saritx u għalhekk is-sena ta' wara kien għadu jmiss lill- Banda San Filep li allura bdiet iddoqq fis-snin bil-fart kif għadu jiġri sal-lum. Tajjeb jintqal li meta banda tieħdu sehem fil-Ġimgħa l-Kbira tkun qed tagħti kontribut mhux biss kulturali imma wkoll wieħed finanzjarju lill-parroċċa għaliex il-banda jkollha toħroġ il-flus minn ġewwa. Din hija raġuni oħra għaliex kulħadd għandu jkun grat lejn dawn il-baned.



**Fuq nett: Dehra ta' parti mis-sala waqt il-programm mill-Banda taż-Żgħażagħ.**
**Fin-nofs: Il-kantanta Alexia Felice u l-preżentaturi Tanya Borg u Albertine Abela.**
**Taħt: Il-kelliema: Brian Bonnici, Ylenia Tabone u Agnes Pirotta.**

# Ftuħ tal-Wirja tal-2012



**Dun Ġwann Azzopardi fetaħ uffiċjalment il-wirjiet tal-2012 u wara żar is-seba' taqsimiet tagħha. Hawn jidher mal-vari żgħar, quddiem il-Golgota, jara l-filmat tal-Qawmien, il-kwadri tal-Via Crucis fix-xelter u fl-aħħar jiffirma l-ktieb tal-viżitaturi tal-Għaqda.**

# Każin Banda San Filep

Charlie Vella il-Barman ġdid
ċemplu fuq 9997 2920

*Għal xarba ġenwina mal-ħbieb u mal-familja b'appetizers mill-aqwa.*

*Ikliet f'kull ħin f'post komdu.*



# Programm tal-ftuħ tal-wirjiet
# Ġimgħa Mqaddsa 2013
# fil-Każin Banda San Filep

- **Merħba mill-Kumitat Organizzattiv tal-Wirjiet** *minn Josef Cachia*
- **Banda taż-Żgħażagħ tal-Banda San Filep** *taħt id-direzzjoni ta' Mro Michael Ciantar*
    - **Fanfare for a New World** — **A. Dvorak**
    - **Bells Across the Meadows** — **A.V. Ketelby**
      (Tubular Bells Claudio Ciantar)
- **Taħdita: Tradizzjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira**
  Minn Mario Coleiro
- **Banda taż-Żgħażagħ tal-Banda San Filep**
    - **Song of Solace** — **Larry Neeck**
    - **Come una Sentenza** — **Ennio Morricone**
- **Il-Filmat tal-Purċissjoni tal-1928**
- **Diskorsi tal-okkażjoni:**
    - **Profs Oliver Friġġieri**
    - **Dr. Philip Sciortino**
      President tal-Għaqda Każin Banda San Filep AD1851

*Inawgurazzjoni u tberik tal-wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa*
Compères: Graziella Attard u Tanya Borg

**Nhar il-Ġimgħa 29 ta' Marzu 2013, il-Banda San Filep takkumpanja l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' Ħaż-Żebbuġ.**

## Wirja b'seba' taqsimiet:

1. Ċenaklu (f'kantina antika)
2. Kruċifissjoni fuq il-Golgota
3. Id-Difna

Dawn it-tliet taqsimiet fihom 30 statwa *lifesize* maħdumin minn Alfred Camilleri Cauchi

4. Sett ta' Vari żgħar (maħdumin minn Antoine Magri)
5. Via Crucis - Sett ta' nkwatri alto-riljev (xogħol Antonio Mifsud, f'xelter taħt l-art)
6. Il-Qawmien mill-Mewt (Filmat)
7. Il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' Ħaż-Żebbuġ fl-1928 (Filmat qasir)

## Ħinijiet tal-ftuħ

• Mill-21 sat-27 ta' Marzu 2013: 10:00am – 12:00 u 6:00pm – 9:00pm
• Ħamis ix-Xirka: 10:00am – 12:00 u 6:00pm – 1100pm
• Il-Ġimgħa l-Kbira: 10:00am – 1:00pm u 4:00pm – 10:00pm
Għaqda Każin Banda San Filep AD1851 tixtieq l-Għid it-Tajjeb lil kulħadd.

# Partijiet mill-Wirja
























**Uħud**
**mill-vari żgħar fil-wirja**
**tal-Ġimgħa Mqaddsa**
**fil-Każin Banda San Filep,**
**Ħaż-Żebbuġ.**



## Tislima lil Kristu Sidna

# Quddiem il-Kurċifiss

**Oliver Friggieri**



Stenniek Adám li fittex ’l Alla fl-Éden.
Stenniek bil-qalb muġugħa Ġób, u l-kárba
Għaddiet minn fómm għal fómm sa Ġeremíja.
Stennewk proféti li għażilthom Ínti
Kif frixt fuq fómmhom is-sigrieti tíegħek
Biex tul is-sekli féttħu dil-mogħdíja
Minn fejn ridt tgħaddi Ínt, meta ż-żmien wásal
Fil-milja tíegħu. – Għáddi u ibqa’ díeħel,
Muléj, fit-triq qadíma li stenníetek!

La tinħasádx: Int táf x’se ssib fil-bníedem
Li qalbu ssúqu ’l háwn u ’l hínn bla jágħraf
Minn fejn se jgħáddi biex jiltaqa’ míegħek.
In-nies se jistaqsuk mnejn ġéjt, min Ínti,
Mín bagħtek biex ġellidt lil-lúm ma’ lbíeraħ.
Se jémmnu, ma jemmnúx, se jiġru míegħek
Bil-palm f’idéjhom u bl-osanna f’fómmhom.
Se jitolbuk il-ħóbż u Int se ttíhom
Il-kélma li tgħejjíxhom, u l-ġuħ tágħhom
Se jíbqa’ jrid il-ħóbż għax hékk hu l-bníedem.
Se jfittxu fik miráklu, u se jistágħġbu,
Imbagħad jinséw u l-għáġeb se jifxílhom.

Se jitolbuk ix-xhíeda li Int Álla,
U se jemmnúk, u se jsejħulek mídgħi,
U Ínti se tweġibhom bis-silénzju,
U s-skiet ikun għalik akkúża ġdída:
Tkun ħáti li tkellímt, ħáti li tískot.
U se jeħduk fi ġníen biex tégħreq démmek,
Se tkun mibjúgħ bi rħís u mżéblaħ b’béwsa.
Se tfittex kenn fil-ħbíeb u m’íntx se ssíbhom.
Il-kótra se tkun táf li Int bla ħtíja



U xórta se tixlik li ksírt il-líġi,
U b'leħen wíeħed se tgħajjátlek: "Sállbu!"
U se jtellgħuk sal-Gólgota biex wáħdek
Iġġorr salíb li Ínt għażílt minn jéddek
U stajt m'għażíltx qabel ma nżilt hawn ísfel.
Se tkun miċħúd minn sħábek, wáħdek táqa'
Għal tliet darbíet u tqúm sakemm tintélaq
Fuq għuda msállba, se jtellgħúk imdéndel
Tistenna tliet sigħát biex ruħek tóħroġ.
Se jieħdok l-għátx, u xéjn ħlief ħáll ma ttíegħem.
Se tlissen il-kelmíet tal-áħħar wáħdek,
U l-kótra tidħaq bík u tifhmek kóntra.
Se ssáqsi 'l Alla tiegħek għála télqek,
U 'l ruħek trodd f'idéjh u tniżżel rásek,
U tískot, u s-skiet tiegħek jíbqa' déjjem
Minn dak in-nhár, għal élf, u elfejn séna.
Int għidt: "Kóllox mitmúm!" u l-kelma żżómmha.
In-nies se jistennéw li sséħħ il-wégħda
Li tajt li tqúm mill-qábar, se jitħáwdu
Sakemm jinqásmu bejn favúr u kóntra,
Għax nár ġejt tixħet fl-árt u ridtu jáqbad.

Kont qiegħed taħseb f'dán fin-nieqa f'Betlem
U rájt quddiem għajnejk x'kellek tisténna.
Għażilt kif xtáqt, u stájt għażílt mod íeħor.
Dín hi t-triq tqíla li terraqt f'did-dínja
Li Int ridt iġġellídha mágħha nfísha.
Fuq Bétlem dehret kéwkba u kienet tníxxi
Minn kmíeni d-démm, u d-démm snin wara ġéra
Ma' ġísmek mífni, u qáttar sa fuq l-għólja
Li refgħet is-salíb, u llúm hémm għádu
Biex kull min jitla' ħdéjk bil-ġrieħi tíegħu
Jimtédd hu wkóll maġénbek fuq salíbu,
U minn hemm fúq jistenna l-méwt u l-qáwma,
Elfejn sen'ílu, illúm, u elf sen'óħra.

Krístu li bdejt tissállab fuq maxtúra,
Imkéċċi fi twelídek, maħrúb, mhédded,
Imfáħħar u mibgħúd, dal-Milied tíegħek
Ma jferraħníex ħlief b'ħafna dmúgħ f'għajnéjna.
Imxejtha wáħdek it-triq iebsa kóllha




U Ínt u tíela' l-Gólgota ħsibt f'Bétlem,
U rġajt ftakart li t-tnéjn jixxiebhu f'kóllox.
Sa llum ukóll, minn háwn, għadek tinstéma'
Titníehed f'agunija t'elfejn séna,
Ħáj déjjem u bla klíem, déjjem imsállab.

Matul is-sékli n-nies jgħaddu minn táħtek
Jarawk hemm fúq fis-solitúdni tíegħek,
U kóllha jistennewk tlíssen kelm'óħra
Biex il-kalvárju t'elfejn sena jgħáddi,

U jgħáddi kull kalvarju t'élf sen'óħra.
Żammejtha biss għalík din it-tmien kélma.
Int skítt għal déjjem, iżda s-skíet jitkéllem.

Ikun dak li trid Ínt. F'idéjk tintréħa
Muléj, dir-rúħ, li toħlom bíss bit-Tábor,
U 'l Bétlem taraha mbíegħda mill-Kalvárju.
Dir-rúħ, Muléj, tistenna li l-imsíemer
Jinqálgħu, u s-salib jiżżárma u jásal
It-tíelet júm tad-dáwl li jbiddel kóllox.
Int tírkeb fuq iż-żmíen u s-sekli jgħáddu
Minn taħt għajnéjk. Int tibqa' ġdíd bħal déjjem,
U xórta t-tliet imsiemer hémm ħalléjthom,
Iqattru d-démm biex din il-fidwa tkómpli.
Għáliex ma taqlagħhómx war'elfejn séna?

Imbíerek mela tkún f'din l-għażla tíegħek,
Muléj li dħalt fl-Istórja biex biddíltha.
Jien għandi l-għátx, u tkún ir-ríeda tíegħek.
Kóllox mitmúm, u f'ídek nerħi rúħi.
Minn mindu skítt kull kélma tíegħek tídwi
Biex tíġbor fiha s-séns li jfisser kóllox,
Elfejn sen'ílu, illúm, u élf sen'óħra.

# Djalogu Immaġinarju bejn Mosè u Alla

minn Joe Flask

## Dħul

Il-Kotba Mqaddsa miżgħuda b'tagħrif fuq għadd ta' ġrajjiet u personalitajiet li, minn studji profondi u tfittix li sar, instab li mhux dejjem seħħew (= il-ġrajjiet) u mhux dejjem aġixxew jew kienu (= il-personalitajiet) kif hemm miktub. Anke l-postijiet imsemmija fil-Bibbja mhux neċessarjament jaqblu ma' kif inhi fir-realtà t-topografija tal-inħawi. Spiss ukoll naqraw kif Alla, jew jindaħal direttament jew jinqeda permezz ta' leħen il-Profeti biex jgħin lill-bniedem inkella biex jgħarraflu xewqatu. Madwar dawn il-ġrajjiet, inħawi u persunalitajiet, tul is-snin, issawru "leġġendi" li, finalment, l-għan ewlieni tagħhom li jenfasizzaw il-ħidma "edukattiva" ta' Alla. F'dan il-kuntest, għażilt li nikteb fuq waħda mill-aktar ġrajjiet importanti li nsibu fil-Bibbja: "il-qsim ta' Baħar il-Qasab".[1] Għażiltha għaliex hija "leġġenda" kkulurita, spettakolari, mimlija ħajja u msawra b'ħafna biżgħat, inċertezzi, u kif jingħad li ġrat, kienet ukoll seħħet kontra l-Liġi tan-Natura, anke jekk il-Bibbja, issemmi r-riħ, l-ilma u elementi naturali oħra li Alla ppermetta biex jidħol għal-Lhud u jeħlishom mill-Eġizzjani. Wara kollox, indipendentement mill-mod kif sar il-qsim, ma rridux ninsew li Alla huwa Sid in-natura, u x-xejra epika li biha nkitbet din il-ġrajja mill-awtur tal-Eżodu kellha wkoll l-għan li turi li Alla ma kienx biss l-"għassies" imma fuq kollox il-"ħellies" tal-Poplu tiegħu, il-Poplu magħżul minnu stess.





## Sejbiet Arkeoloġiċi

Ħafna veritajiet fuq dak li hemm fil-Kotba Mqaddsa, ħarġu fil-beraħ fl-1947, wara s-sejba eċċezzjonali ta' dawk li huma magħrufin bħala "il-Manuskritti tal-Baħar il-Mejjet". B'dan l-isem konvenzjonali, l-istudjużi jirreferu għal


DIE ECKE SIGGIEWI
D.E.S
Importers & Distributors of costumes & accessories
Mons. Mikiel Azzopardi Str., Siggiewi
T: 21463403 - M: 79473870
E: info@desmalta.com
Mon - Fri: 8am-1pm / 4pm-7pm
Sat: 8am-2pm Sun: 8am-11.30am
WANNA PARTY
COSTUMES & ACCESSORIES
by DES
NOW OPEN AT
Daniels
ST. JOSEPH HIGH STREET, HAMRUN
TEL: 2123 3369
Mon - Sat: 9am-7pm
Buy or Hire your costume for Boogie Nights, on the 20th April at Aria, San Gwann
boogie nights
TICKETS ALSO AVAILABLE AT OUR SHOP
PARTY ITEMS, HENS & BACHELORS ITEMS, SOUVENIRS FOR ALL OCCASIONS, INVITATIONS, BALLOONS DECORATIONS FOR YOUR PARTY, MAKE UP AND ALL SORTS OF COSTUMES AND ACCESSORIES
available at
WANNA PARTY
AT DANIELS SHOPPING CENTRE
ST. JOSEPH HIGH STREET, HAMRUN
DIE ECKE SIGGIEWI
D.E.S
Mons. M Azzoppardi Street - SIGGIEWI • T. 27/21 463 403
School Street -SAFI • T. 27/21 641 149
email: info@desmalta.com | www.desmalta.com
Find us on: facebook.

dawk il-Manuskritti li nstabu fi tliet lokalitajiet: Qumran, Murabba'at u l-monasteru ta' Khirbet Mird. Żgur li Qumran hija l-iktar waħda importanti fosthom minħabba l-ammont kbir ta' manuskritti, miktubin fuq il-Papir, li nstabu u li minnhom, illum, nistgħu nifhmu aktar u fid-dettall xi jfissru effettivament u x'valur u x'piż għandhom il-ġrajjiet u l-persunalitajiet imsemmija fil-Kotba Mqaddsa.

B'riferenza għal dawn is-sejbiet, imma wkoll għas-saħħa tal-argument, ta' min niċċara jekk il-baħar imsemmi, jew x'kien, kienx effettivament Baħar il-Qasab, naraw fejn, fil-fatt, kienu waslu l-Lhud, immexxija minn Mosè, wara l-ħruġ mill-Eġittu, u fuq kollox fejn u kif seħħet din il-ġrajja. Nibda b'isem il-baħar li nsibuh taħt żewġ ismijiet differenti. Baħar il-Qasab, fi Ktieb ieħor tal-Bibbja, huwa wkoll magħruf bħala: "il-Baħar l-Aħmar"[2]. Iktar minn hekk, ir-rakkont li hemm f'Eżodu 13,18 u 14 jagħti indikazzjoni li huma kienu waslu fl-inħawi tal-għadajjar fejn kien jikber il-Papir, għalhekk "Baħar il-Qasab", fl-inħawi tal-għadira *Menzaleh*, in-naħa ta' fuq tad-Delta tax-xmara Nil. Skont il-Profs. Mons. P. P. Saydon "fejn u kif sar dan il-qsim tal-baħar, ikollna ngħidu li l-għorrief ma jaqblux. Kollha huma ċerti li l-Iżraeliti ma qasmux dak il-baħar li fuq il-mappa, narawh immarkat bħala l-Baħar l-Aħmar. U lanqas ma qasmu dik id-daħla tal-Baħar l-Aħmar li tissejjaħ il-Golf ta' Swejz. L-għorrief jgħidulna li l-kelma Lhudija "*jam zuf*" tfisser Baħar il-Qasab li kien għadira kbira n-naħa fejn illum hemm il-Kanal ta' Swejz. Jekk dan il-baħar kienx xi waħda mill-għadajjar imsejħin "l-Għadajjar il-Mielħa" jew jekk kienx aktar qrib il-Mediterran, ma jaqblux"[3]

Bħal fil-każ ta' "leġġendi" bibliċi oħra, anki din tal-qsim "Baħar il-Qasab"(jew il-baħar l-Aħmar), offriet spunt lill-istudjużi biex jispjegaw kif seħħet il-ġrajja, u speċjalment lill-filosofi li elaboraw ideat ġodda u kunċetti sistematiċi varji. Fosthom jissemma' Rabbi Mosè bin Maimon jew Mosè Maimonidi, Lhudi minn Cordoba, Spanja, fejn twieled fl-1135 u miet fl-Eġittu fl-1204. Huwa iktar magħruf bl-akronimu ta' "*Rambam*" kif, għall-ħeffa, se nkompli nsejjaħlu jiena f'din il-kitba.



## Min kien Rabbi Mosè bin Maimon

Rambam, kien Rabbi (=Qassis Lhudi) espert ewlieni fil-Kotba Sagri, tar-Reliġjon Lhudija, Xjenzjat: wieħed mill-aqwa Tobba tal-Medjevu kif ukoll fost il-Filosofi ewlenin ta' żmienu fil-Mediterran, Storiku mill-aqwa u Riċerkatur profond. Għalkemm għex mijiet ta' snin ilu, bosta ideat ta' Rambam, għadhom attwali u jinteressaw lill-bniedem tal-lum. Fil-kuntest tas-suġġett li se nittrattaw, Rambam isostni li fl-istorja tiegħu l-bniedem minn dejjem suġġett u dipendenti mil-liġi tan-natura, iżda


protection
for all your needs...
Untours Insurance
| Old Bakery Street, Valletta VLT 1450, Malta |
| Tel: 2122 3441 | Fax: 2124 3796 |
| email: insurance@untours.com.mt |
Agents for:
QICI
QIC International LLC
A RATED BY
STANDARD & POORS

għemilu dejjem huwa frott ir-rieda ħielsa tiegħu. Kunċett li jsaħħaħ il-bażi divina tal-bniedem, ukoll jekk huwa dejjem Alla li jmexxi u juri it-triq lill-bniedem. B'dan nifhmu li dawk li qed insejħu "leġġendi" bibliċi, huma sempliċement il-mezz li bihom il-bniedem jasal biex jagħraf il-ħiliet intellettwali tiegħu, u fuq kollox li jista' jikseb ħwejjeġ lil hemm mill-immaġinazzjoni tiegħu permezz ta' Alla. Kif naqraw fil-Ġenesi, dwar Adam u Eva, Alla jagħti d-direzzjoni dwar dak li l-bniedem għandu jagħmel u x'ma għandux biex jegħleb il-limiti imposti mil-liġi tan-natura filwaqt li ma imponielu ebda limitu biex jaġixxi skont ir-rieda kreattiva tiegħu.




B'riferenza għall-ġrajja tal-qsim ta' Baħar il-Qasab, Rambam, immaġina djalogu ħaj bejn Alla, Mosè u l-baħar, fuq ix-xatt ta' dak li biex niftiehmu, indipendentement minn dak li stqarrejna s'issa, se nkomplu nsejħulu popolarment il-Baħar l-Aħmar. Mosè, minkejja l-fiduċja kbira u sħiħa li kellu f'Alla, ħasel jibda jitħawwad u jibża' mhux biss li kien se jfalli mill-missjoni tiegħu imma wkoll mill-forzi tan-natura, primarjament: il-baħar. Minn dan id-"Djalogu immaġinarju" tassew oriġinali, se nislet biss l-parti sakemm seħħ il-qsim, kif fasslu u kitbu Rambam. Ovvjament, biex ĦADD ma jitħawwad nitlob: **ATTENZJONI!!!**

**Kitbet Rambam, hija ibbażata fuq il-Kotba Sagri tal-Lhud, għaldaqstant, għalkemm kultant hemm xebh ma' dak li hemm miktub fil-Bibbja tagħna: dak ta' hawn taħt mhux skont ir-rakkont kif hemm fil-Ktieb tal-Eżodu.**

## Djalogu bejn Alla, Mosè u l-Baħar l-Aħmar

Alla qal lil Mosè: "Għaliex bqajt hawn titlob? Uliedi ilhom jitolbuni u inti ma baqalekx ħlief taqbad f'idejk l-għasluġ tiegħek u terfa' jdejk fuq il-baħar u toforqu". Mosè, wieġeb lil Alla u qal: "Inti li qed tordnali biex nofroq il-baħar sakemm il-qiegħ tiegħu ikun xott għal kollox, inti stess bnejt xtutu bir-ramel". Alla reġa' wieġeb lil Mosè: "Jaqaw ma qrajtx dak li jiena ktibt 'li l-ilmijiet kollha għad jinġabru f'post wieħed u l-art tinxef? Sa minn dak in-nhar iddeċidejt li l-baħar jofroq quddiem Iżrael. Aqbad mela l-għasluġ li tajtek, mur f'xatt il-baħar kif qed nordnalek, u għidlu: Jiena l-mibgħut tal-Ħallieq tad-Dinja! Ofroq il-mewġ tiegħek, ja baħar, ħalli uliedi jkunu jistgħu jaqsmu lejn ix-xatt tan-naħa l-oħra fin-niexef".

Mosé, għamel kif ordnalu Alla u mar u kellem lill-baħar. Imma l-baħar mhux biss oġġezzjona, anzi, b'ċerta rabja qal: "Jiena mhux se nobdi dak li qed tordnali, għaliex inti mhux għajr bniedem imwieled minn mara. Apparti, ja bniedem, li jiena tliet ijiem ikbar minnhekk, għaliex Alla, lili, ħalaqni fit-tielet jum tal-Ħolqien, filwaqt

lilek ħalqek biss fis-sitt jum". Mosè, minnufih għarraf lil Alla b'dak li kien qallu l-baħar u Alla bla tlaqliq wieġbu: "Mosè, issoltu, x'jagħmel, is-sid lis-seftur li ma jridx jobdi?". Mosè kien pront wieġeb: "Jagħtih xebgħa njama". "Sewwa qed tgħid" wieġeb Alla, "mela fis aqbad l-għasluġ tiegħek qegħdu fuq il-baħar, ħalli dan jofroq". Hekk għamel Mosè. Iżda, l-baħar baqa' jostina ruħu u jirrifjuta li jobdi l-ordnijiet ta' Mosè tant, li Mosè refa' għajnejh lejn is-sema u bil-ħniena talab lil Alla biex jordna huwa stess lill-baħar. Alla, imma ma laqax it-talba ta' Mosè: "Li kieku kelli jiena nordna lill-baħar biex jofroq, ma jkunx jista' jerga' lura għal li kien. Inti trid teżegwixxi l-ordni tiegħi, biex il-baħar ma jibqax niexef għal dejjem. Madankollu se ngħinek biex l-ordni li tajtek isseħħ u ġġiegħel lill-baħar jobdi".



Il-baħar, hekk kif intebaħ bil-qawwa divina ta' id il-leminija ta' Mosè, minflok obda minn Mosè, talab lill-art f'ġieħ il-ħaqq u s-sewwa u qalilha: "Agħtini kenn, biex inkun nista' naħbi wiċċi mis-Sinjur tiegħi l-Ħallieq ta' kollox, ikun Imbierek Alla!". Mosè nduna li l-baħar kien imwerwer u kompla jżid: "Jum sħiħ ili nkellmek u ngħidlek bil-kmand li tani l-Eqdes fost il-Qaddisin, li riedek tofroq il-mewġ tiegħek, u inti mhux biss ma riedx tisma', imma lanqas l-għasluġ tiegħi ma kellu l-ħila jegħleb l-egħbusija ta' rasek. X'ġara mela, issa, għalfejn trid tinħeba?" Il-baħar ma qagħdx jaħsibha u wieġbu: "Mhux minnek irrid ninħeba imma minn wiċċ il-Ħallieq tad-dinja, jalla Ismu jkun dejjem imfaħħar fuq l-art kollha".

Dlonk, il-Baħar l-Aħmar beda jofroq il-mewġ tiegħu u fl-istess ħin hekk sar kif fejn kien jeżisti l-ilma madwar id-dinja kollha - fil-ħwat, fil-bjar, fl-għerien, fil-krietel, fil-ġarar, fit-tazzi – u kollox reġa' lura bħalma kien qabel hekk kif ulied Iżrael kollha qasmu l-baħar fin-niexef.

Biex reġġa' lura l-baħar, l-Etern, qanqal riħ qawwi mil-Lvant. L-istess riħ li Alla minn dejjem qanqal biex jikkastiga lil min ma obdiex l-ordnijiet tiegħu. L-istess riħ: li ġab id-dilluvju, li ġarraf it-torri ta' Babel, li wassal għall-qerda ta' Sammarija, Ġerusalemm, Tir u aktar tard għall-waqa' ta' Ruma. Malli l-aħħar wild ta' Iżrael tela' minn qiegħ il-Baħar l-Aħmar għal fuq ix-xatt, l-ilmijiet reġgħu lura għal li kienu qabel, u gerbu qalb il-mewġ u għarqu lill-poplu Egizzjan kollu.

**Referenzi**

[1] Eż 13, 18

[2] 1 Slat 9, 26. Ara wkoll Rolla, A., *l-istess*, p. 144

[3] Saydon, P. P., 1982, *Bibbja Saydon, It-Testment il-Qadim vol. I*, p.180 n.14

# Id-Duluri ta' Marija



Seba' kienu d-Duluri
Illi tertqu qalb Marija
Qalb minfuda b'sejf in-niket
Qalb li tnixxi dmugħ u dmija.

O kemm kellha issofri, tbati,
Din il-Omm Addolorata
Taħt salib Binha, imdendel
Minn kulħadd abbandunata!

Xejn ma beżgħet timxi, tterraq
Wara binha fit-tbatija
Fost l-insulti w l-għadab kiefer
U kull xorta ta' moħqrija.

Min jaf x'ħasset din l-Omm tagħna
B'Binha mejjet ġo dirgħajha
Wiċċu mbenġel, kollu ġrieħi
Ġisem sħun, iżda bla ħajja!

Minn fuq is-salib imperreċ
Hekk kif kien bejn sema w art
Lil Marija tana b'Ommna
Biex tfejjaqna minn kull mard.

O Marija tad-Duluri
B'rieda soda inwiegħduk
Li dan-niket intaffulek
U b'qalb niedma inħobbuk.

Lil Ġesù ibnek waħdani
Le ma nżidu noffenduh;
Bibien qalbna inberrħulu
Hemm għal dejjem inqiegħduh.

**Kav. Joe M. Attard**
*01-04-2000*






Digit Line
Home Appliances, House Hold Goods,
Sound & Vision, Garden Furniture,
Loose Furniture, Bar-B-Ques, Air Conditioners
ONLY THE BEST BRANDS
HOOVER
ZANUSSI
KENWOOD
INDESIT
Whirlpool
SAMSUNG
morphy richards
tescoma.
... and more
Digit Line
F. Farrugia Street, Zebbug
Tel/ Fax: 2146 4329
Email: tantimp@waldonet.net.mt

# I.N.R.I.

**Il-ħsieb tal-poeżija** huwa t-tifsira ta' I.N.R.I. (Iēsus Nazarēnus, Rēx Iūdaeōrum, jiġifieri Ġesù Nazzarenu Re tal-Lhud) għall-poplu Lhudi. Iżda jidher li l-istess ittri kienu biss, biex il-poplu magħżul t'Alla jinqeda bihom. Fl-istess ħin il-poeżija qisha djalogu tal-kittieb mal-Mulej fuq il-kliem I.N.R.I., mill-għajn tal-Lhud.

B'dawn l-ittri ħadt kundanna,
li fuq is-salib ingħatajt;
sew f'ħajtek, u għal mewtek,
b'dan il-kliem mal-Lhud intlaqajt;
għax għal ħafna dan ma kienx tassew,
għalhekk xewxu mal-folla, ħassew.

Imma dawn l-ittri tqegħdu,
mhux biex bħala re jagħtuh ġieħ;
iżda jgħajruh b'dan l-isem,
biex fin-nies jitfgħu, ħtija fih;
huma mhux lil dal-bniedem riedu,
għax biex jitneħħa, qerqhom żiedu.

Xtaqu li dal-kliem ġarrejt;
għalihom ma kontx is-sultan,
bħal dak li huma stennew;
tirbaħ l-għadu fuq l-art setgħan;
għax dan ħabbrulhom il-mexxejja
qabel, għal min jidhru qaddejja.

Sal-lum dal-kliem ma ħażżuhx
f'qalbhom , l'int re fl-art u f'sema,
għax b'Messija mgħarfuhx dawn;
ukoll meta b'ġisem tema';
fid-dlam dal-ġens Lhudi se jibqa'
sakemm il-ħalfa l-għamlu tibqa'.

**Joseph Bonnici**
*17-08-2012*



Pinto

*Pastizzeria & Confectionery*

**Caterers for all Functions**

Robert Mercieca
*Proprietor*

**Triq iċ-Ċawsli, Qormi**
**Tel: 2744 2887 (Dolceria), 2144 0373 (Shop)**
**Mob: 9994 3394, 7744 0373**



**PADRE PIO**

**SAN GIOVANNI ROTONDO PIETRELCINA u POMPEI**

**MIT-20 TA' ĠUNJU SAL-24 TA' ĠUNJU 2013**

**ĊEMPLU LIL MOUSÙ TRAVEL SERVICES**
**21230301, 21440146 jew 99710266**

**Mistieden Speċjali: L-Arċisqof Mons. Pawl Cremona**

# Mixja lejn il-Knisja tad-Duluri

**minn Philip Agius**

Wara ġranet ta’ xita u riħ sebaħ jum tassew sabiħ,
Jistiednek titlaq kollox u toħroġ barra titgħaxxaq bih.

Mixja fl-għelieqi waqt xogħol il-bidwi kien għaddej,
B’tisqija tajba, bnina, xita mibgħuta f’waqtha mill-Mulej.

Ix-xemx tqassam dawl il-hena, ir-raba mimli ħajja,
Żiffa ħelwa mal-mixi ġejja lejja, tgħidli tagħha l-ġrajja.

Issa t-triq mill-wita tal-wied bdiet toħodni ’l fuq fis-skiet,
Bidwi f’nofs il-għalqa, mhedi f’ħidmieti jnaqqi l-ħaxix fil-kwiet.

Kif rani qrobt lejh, waqaf, strieħ maz-zappun u sellimli,
“Ħabib”, għidtlu jien, “dik xi knisja hi?” “Tad-Duluri” weġibni.

Taf is-snin, nieħdu ħsiebha mill-aħjar, nifthuha kuljum,
Saċerdot inġibu jagħmel quddiesa fl-ewwel ġimgħat tax-xhur.

Bil-ħajr lill-bidwi komplejt triqti nimxi lejn dil-knisja,
Il-ħsieb tiegħi kien li nidħol ngħid talba u nserraħ ftit fiha.

Quddiem dil-kappella masġar għall-għasafar lok ħanin,
Bir-riħ jonfoħ iżaqżqu z-zkuk, il-weraq iħaxwex ma’ xulxin.

B’erba’ passi taħt is-siġar, sibt ruħi fuq iz-zuntier,
Kappella mnaddfa, bieba miftuħa mal-faċċata ta’ quddiem.

Ħemda ta’ ġabra, tidħol f’qoxortok, titħeġġeġ il-qalb,
B’ħarstek fuq Kristu msallab, xuftejk jiċċaqilqu tlissen xi talb.

Kien waqt minn tieqa żgħira x-xemx tbissmet fuq wiċċ il-Mulej,
Biex tgħid grazzi lil Alla, li b’imħabbtu għall-bniedem sar feddej.

Pitirross ingħaqad max-xemx, kompla żejjen il-ħolqien,
B’għanja ħelwa f’rakkont ġrajjietu, ried isemma’ lil dan l-imkien.

Kienet għodwa fuq il-għolja ġabu bniedem għat-tislib,
B'kuruna tax-xewk f'rasu, kliem il-kundanna 'INRI' mas-salib.

F'dak il-ħin għasfur jittajjar fuq il-għuda mar jistrieħ,
Bil-ħniena għal Kristu kiseb tad-demm teba' qatt iktar ma ntfiet.

B'talba ċkejkna lid-Duluri, Omm ħanina fis-smewwiet,
Bdejt mixjieti lura lejn ir-raħal, qbadt in-niżla minnufih.

Issa qorob nofs il-jum, ix-xemx fuqi ħuġġieġa nar,
Il-bidwi ma kienx għadu hemm fil-għalqa, lejn daru jistrieħ mar.

Il-ħemda kienet issa kbira, tistiednek għall-mistrieħ,
Il-ħolqien misluf lilna, nibżgħu għalih, mill-bqija tal-Ħallieq.

*Ħaż-Żebbuġ,*
*12 ta' Jannar 2013*



# Patri Donat Spiteri
## O.F.M Cap., S.Th.D.,S.S.L. M.Q.R.

**Kitba ta' Anna Spiteri**



Patri Donat Spiteri twieled il-Marsa nhar it-13 ta' Ottubru 1922. Ingħaqad mal-Ordni Franġiskan u laħaq Saċerdot Kapuċċin nhar it-13 ta' Marzu 1948.

Patri Donat intbagħat jistudja t-teoloġija fl-Università Pontifiċja Gregorjana f'Ruma l-Italja, fejn kiseb il-Liċenzjat u dottorat fit-teoloġija. Studja l-Iskrittura Mqaddsa fil-Pontificio Istituto Bibblico u l-Liċenzjat fl-Iskrittura Mqaddsa. Irritorna Malta fl-1954 u beda jgħallem lill-istudenti Kapuċċini.

Patri Donat kien kappillan tal-parroċċa tat-Trinità Qaddisa, il-Marsa bejn l-1958 u l-1967 fejn ħa ħsieb ukoll li jinbena ċ-ċentru parrokkjali San Piju X tal-Marsa. Kien kappillan ukoll tal-parroċċa ta' Lourdes, San Ġwann bejn l-1983 u l-1991. F'San Ġwann ukoll ra li jħalli ċentru parrokkjali San Ġużepp fejn ikunu jistgħu jiltaqgħu l-għaqdiet. Ħa ħsieb ukoll biex jirrestawra bl-għajnuna tal-Ministru tax-Xogħlijiet il-kappella dedikata lil Santa Margerita, f'San Ġwann.

Bejn 1966 u l-1988, kien għalliem u Professur tal-Istudji Bibbliċi fil-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta, fejn mal-Prof. Rev. Karm Sant u oħrajn waqqfu l-Għaqda Bibblika Maltija fl-1958 u li tagħha kien President. L-aqwa opra ta' din l-Għaqda kienet il-pubblikazzjoni tal-Bibbja bil-Malti, li x-xogħol fuq din it-traduzzjoni beda fl-1966 u baqa' għaddej sal-ewwel pubblikazzjoni fl-1984. Minn dak iż-żmien 'l hawn il-Bibbja ġiet riveduta. It-tieni edizzjoni ġiet ippubblikata fl-1996, wara reviżjoni li ħadet ħames snin. Peress li t-tagħlim u l-ispjegazzjoni tal-Bibbja kienu u baqgħu sal-aħħar il-missjoni ta' ħajtu, kellu sehem kbir fit-twaqqif ta' 'Dar il-Bibbja' fil-Furjana bħala Ċentru Bibbliku.



Huwa wkoll awtur ta' għadd ta' kotba b'temi teoloġiċi tal-Bibbja fosthom il-Ktieb tas-Salmi, Dizzjunarju Bibbliku – Temi Teoloġiċi, l-Evanġelji ta' San Mattew u San Luqa, il-Ktieb tal-Atti tal-Appostli u ħafna oħrajn li qed ikunu pubblikati mill-Għaqda Bibblika Maltija. Kiteb ukoll artikli f'ġurnali u rivisti bħal "Dawl Franġiskan" u anke xandiriet dwar l-Iskrittura Mqaddsa. Dar anke l-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex jagħmel korsijiet Bibbliċi.



Peress li l-Bibbja kienet saret ħaġa waħda miegħu, f'Jannar 1974 ħareġ għall-ewwel darba l-"Kliem il-Ħajja", ktejjeb ta' għajnuna għall-qari tal-Bibbja u paġna ċkejkna kuljum b'silta mit-test tal-Kotba Mqaddsa, li joħroġ kull erba' xhur.

Patri Donat, kien l-Editur u Direttur Ġenerali ta' *Kliem il-Ħajja*, ktejjeb li wara 38 sena għadu jitqassam fid-djar f'Malta u Għawdex u anke fost l-emigranti Maltin. Sal-lum mal-20,000 kopja ta' *Kliem il-Ħajja* jitqassmu bl-idejn bl-għajnuna tal-voluntiera.

Patri Donat Spiteri ħa ħsieb ukoll li f'għeluq it-30 sena ta' din il-pubblikazzjoni jinfetħu librerija u uffiċċju ta' *Kliem il-Ħajja* fil-Kunvent tal-Kapuċċini fil-Furjana, fejn isir ħafna mix-xogħol tiegħu u jintuża wkoll minn persuni interessati fl-Istudji Bibbliċi.

Patri Donat Spiteri OFMCap ġie onorat b'"Ġieħ il-Marsa" u "Ġieħ San Ġwann" mill-Kunsilli tal-Marsa u ta' San Ġwann u fit-13 ta' Diċembru 2009 kien ingħata l-Midalja għall-Qadi tar-Repubblika mill-E.T. il-President ta' Malta Dr George Abela.

Patri Donat Spiteri miet fis-19 ta' Diċembru 2011 fl-għomor ta' 89 sena. Il-funeral sar fil-parroċċa tat-Trinità Qaddisa, il-Marsa u ġie midfun fiċ-ċimiterju tal-Addolorata fil-qabar tal-Patrijiet Kapuċċini.

**Nota tal-editur:**
Fil-ktejjeb tas-sena l-oħra, Philip Agius għamel referenza għall-għajnuna ta' Patri Donat li kien ta pariri esperti meta kienet qed jiġi ddisinjat iċ-Ċenaklu. Philip Agius kien preżenti meta saret il-laqgħa ta 'Patri Donat mal-Kav. Alfred Camilleri Cauchi u diriġenti tal-każin. Aħna nħossuna grati ħafna lejn Patri Donat u bħala sinjal ta' rispett qed inġibu dan it-tagħrif qasir fuqu li ntbagħat lilna min-neputija tiegħu.

# Tagħrif fuq xi Relikwi tal-Passjoni

**Kitba ta' Philip Balzan**

## Qima tar-Relikwi



Relikwarji fil-knisja ta' San Pietru fil-belt ta'Ayerbr, Spanja

B'liema għożża nżommu ritratt jew tifkira oħra ta' xi nannu jew bużnannu li forsi bilkemm nafuh imma li fuqu smajna xi ġrajjiet li impressjonawna! U kull meta nieħdu f'idejna dik it-tifkira mhux biss nerġgħu niftakru fih u f'dak li għamel jew kien jgħid imma saħansitra nħossuna qribu b'mod reali.

Dan hu l-iskop tar-relikwi. Il-qima lejn il-relikwi tal-qaddisin bdiet mal-ewwel martri tal-knisja. L-insara tal-ewwel sekli bdew iżommu xi ħaġa li kienet tal-martri bħala tifkira. Bnew knejjes fejn il-martri ħallew ħajjithom b'xhieda għal Kristu, żammew xi għadam minn ġisem il-martri taħt l-artali, bħala xhieda tat-tama fil-qawmien mill-imwiet. Bosta nsara jħossuhom eqreb lejn il-qaddisin permezz tar-relikwi u b'hekk joħolqu rabta akbar ma' Alla.

Il-venerazzjoni ta' relikwi ma nsibuhiex biss fost il-Kattoliċi, imma wkoll fost insara oħrajn u anke fost nies li mhux insara. Hekk pereżempju relikwi ta' Buddha u ta' Konfuċju kienu meqjuma fl-Asja ferm qabel Kristu. It-Testment l-Antik isemmi relikwi tal-profeta Eliżew[1] li kienu miżmuma b'għożża mil-Lhud. Anke l-Misilmin iqimu relikwi ta' Muħammed li miet fis-sena 632AD.

Għal aktar minn elf sena, l-aktar fi żmien il-medju evu pellegrini nsara kienu jżuru postijiet sagri fejn għexu jew mietu qaddisin u kienu jfittxu li jieħdu lura magħhom xi ħaġa ta' tifkira li biha jibqgħu jħossuhom qrib il-qaddis li jkunu żaru. Beda jsir negozju mir-relikwi. Min ma setax imur iżur xi qabar imbiegħed kien jixtri relikwa.

Għal bosta snin ir-relikwi kellhom post importanti fil-ħajja ta' kuljum għax kienu jitqegħdu fl-artali fil-knejjes, jinqdew bihom biex jinvokaw l-għajnuna divina qabel xi battalja u jintużaw fil-qrati biex jittieħdu l-ġuramenti, biex insemmu ftit eżempji.

Il-Papa San Ljun il-Kbir ifakkarna li l-misteru tal-ħajja ta' Kristu daħal fil-ħajja sagramentali tal-knisja. Permezz tad-devozzjoni lejn ir-relikwi sagri aħna l-insara nistgħu inkabbru l-fidi tagħna fi Kristu u nħossuna nieħdu sehem fil-misteri tiegħU. San Ġlormu jgħidilna li aħna m'għandnix naduraw ir-relikwi, li ma mmorrux inqimu

# Jeff's Pastizzeria

F1, Triq il-Kbira, Żebbuġ ZBG 1309

**Mob: 7748 7768**

*Pastizzi • Pastizzi Tondi • Qassatat • Qassatat Inċova • Pizza Kwadra u Pizza Tonda • Timpana • Ross • Sausage Rolls • Meat, Chicken u Burger Pies Ham & Cheese • Arancini • Quiche Lorraine • Ravjul u Għaġina eċċ*

*Naċċettaw Ordnijiet għall-Parties*



# T' Emelda Butcher Shop




**Isabelle Bezzina**

**Tel: +356 2746 6389**

T'Emelda Butcher Shop
Triq Gianni Bonnici
Żebbuġ – ŻBG 2490



# Vanity Fair



Cosmetics, Perfumes,
Agent for: Hair Accessories

**Visit us on Facebook**

109, Bishop Caruana Street, Żebbuġ, Malta

*Tel: 2146 3813 • Mob: 9927 7295*

www.vanityfair.trolleymania.com

Find us on Facebook

lill-kreatura minflok lil Ħallieq, imma ngħożżuhom bħala mezz biex aktar inqimu lilU.

Jeżistu relikwi awtentiċi u bosta oħrajn li dwarhom ma hemmx provi li huma ġenwini. Hawn bliet u knejjes differenti li jsostnu li għandhom l-istess relikwa! Dan jiġri frott il-fervur żejjed ta' wħud li għax tant ikunu xtaqu li jkollhom relikwa u waslu emmnu lil min bellalhom ir-ross bil-labra, forsi għall-qliegħ qarrieq minn fuqhom. Kien għalhekk li l-knisja pprojbiet il-bejgħ ta' relikwi.

Il-Knisja Kattolika tikklassifika r-relikwi bħala tal-ewwel, tat-tieni jew tat-tielet klassi. Tal-ewwel klassi huma r-relikwi li għandhom x'jaqsmu mal-ħajja ta' Kristu u fdalijiet umani ta' qaddisin. Hekk pereżempju l-għadam ta' qaddis li ġieli naraw taħt xi artal. Il-Knisja Kattolika ma għadhiex tħalli li dawn jiġu maqsumin f'biċċiet żgħar li lanqas jibqgħu jintgħarfu, speċjalment jekk se jintużaw fil-liturġija. Jappartjenu għat-tieni klassi oġġetti bħal ħwejjeġ li kien jilbes jew juża xi qaddis jew almenu biċċiet minnhom. Fit-tielet klassi jiġu l-affarijiet li jkunu ntmessu ma' relikwa tal-ewwel żewġ klassijiet.


Sant Elena (250-330)

L-għeżeż fost ir-relikwi naturalment huma dawk marbutin ma' Kristu. Peress li ma setax ikun hemm relikwa tal-ġisem ta' Kristu għax tela' s-sema bir-ruħ u l-ġisem, l-insara daru lejn l-istrumenti wżati fil-passjoni tiegħU. Wara li fir-raba' seklu Sant Elena sabet is-salib ta' Kristu l-qima lejn ir-relikwi tal-passjoni kibret u nfirxet u rabbiet għeruq fondi fost l-insara permezz tal-pellegrini li kienu jieħdu lura magħhom minn Ġerusalemm xi farka ta' relikwa għad-devozzjoni, bl-iskop li tgħinhom jidħlu aktar fil-fond u jħossuhom eqreb lejn il-misteru tas-salvazzjoni. Fil-liturġija tal-Ġimgħa l-Kbira tidher kemm għadha qawwija d-devozzjoni lejn is-salib li permezz tiegħu Kristu salvana.

## Relikwi tal-Passjoni

Bir-raġin li teżisti devozzjoni speċjali lejn relikwi marbutin mal-passjoni ta' Ġesù. Se nagħtu ħarsa ħafifa lejn uħud minn dawn ir-relikwi tant għeżież għalina l-insara. Jekk dawn ir-relikwi humiex kollha awtentiċi jew le huwa dibattibbli għax mhux dejjem huwa possibbli li nkunu ċerti.

1. **Is-Salib Imqaddes**. Meta Sant'Elena fi xjuħitha kkonvertiet għall-Kristjaneżmu u marret tfittex is-salib li fuqu kien mislub Kristu, ġabret magħha studjużi li fissrulha li l-Lhud kellhom id-drawwa li meta joqtlu kriminal jidfnu miegħu dawk l-għodod li jkunu ntużaw biex jikkastigawh u joqtluh. Saret taf ukoll illi l-Lhud kienu saħansitra radmu taħt borġ ġebel il-qabar ta' Kristu biex jaqtgħu d-drawwa tal-ewwel insara li jżuru dan il-post. Għalhekk kellha fiduċja qawwija

# Żebbuġ Video Rental

**Vjal il-Ħelsien Żebbuġ**
*Tel: 2146 8835*

No. 1 for new releases DVDs
We also have: telephones bombox, stereos, stereo systems, cd players, dvd players, hifi accessories and also coloured photocopy service.

# FREDDIE'S

Għand Freddie ssibu żraben eleganti tan-nisa, żraben għal tibdila, ta' l-irġiel u tat-tfal, casuals, sport shoes, minn ditti renomati, basktijiet ta' l-iskola, handbags u kartieri.

**Sciortino Street, Żebbuġ Tel: 2146 5915**

# FOOTWEAR

centre point.
STATIONERY

FOR ALL YOUR STATIONERY NEEDS, GREETING CARDS, TOYS & GIFTS FOR ALL OCCASSIONS, PHOTOCOPY, BINDING & LAMINATION SERVICE, BOOK COVERING, INK CARTRIDGES...

SMART CARD ACCEPTED

VJAL IL-ĦELSIEN, ŻEBBUĠ
TEL: 2146 1500

Find us on Facebook

li jekk issib dan il-post setgħet issib l-affarijiet li ntużaw fil-passjoni. It-tiftix tagħha aktarx sar bejn is-sena 326 u 328, meta sabet il-post fejn indifen Kristu u hemm sabet ukoll is-salib, l-imsiemer u t-tabella tal-kundanna. Hija bagħtet parti mis-salib lil binha l-Imperatur Kostantinu, ħalliet parti f'Ġerusalemm u ħadet parti minnu lejn Ruma fejn bniet il-Bażilika tas-Salib Imqaddes biex jinżamm fiha. Matul is-snin biċċiet żgħar tal-injam minn dan is-salib tqassmu mad-dinja bħala relikwi sagri. Xi xettiċi rrimarkaw illi kieku kellhom jinġabru l-biċċiet kollha tal-injam meqjusa bħala relikwi mis-salib ta' Kristu jkun hemm biżżejjed għal tlett islaleb. Imma fl-1870 ċertu Rohault de Fleury, Franċiż, għamel katalogu ta' dawn ir-relikwi u kkalkula li kieku dawn jitwaħħlu flimkien u magħhom iżid dawk li kienu mitlufin kienu jġibu biss terz tas-salib.


Relikwarju li fih farka injam mis-Salib ta' Kristu

2. **It-Tabella tas-Salib**. Sabitha Sant Elena flimkien mas-salib. Jidher li Sant Elena qasmet it-tabella fi tliet biċċiet. Ħalliet biċċa f'Ġerusalemm, bagħtet biċċa lil binha f'Kostantinopli u l-aħħar biċċa ħaditha magħha f'Ruma. Il-parti li baqgħet Ġerusalemm issemmiet minn ċerta Aeteria, pellegrina li tgħid li fis-sena 385 ratha għal wiri flimkien ma' parti mis-salib u fissret il-prekawzjonijiet li kien qed jieħu l-isqof biex iħares dawn ir-relikwi mill-kolletturi. Qalet ukoll li kienet id-drawwa li din il-biċċa mit-tabella kienet tintmiss ma' moħħ il-pellegrini. Mitejn sena wara, pellegrin ieħor Antonius minn Piaenza jirrakkonta li fil-Bażilika ta' Kostantinu n-nies kienu jbusu parti mis-salib ta' Kristu u jżommu f'idejhom parti mit-tabella. Il-biċċa f'Ruma għandha storja unika. Meta fis-sena 455, il-Visigotti kienu attakkaw Ruma, il-kleru tal-Bażilika ta' Santu Kruċ ħeba t-tabella fl-għoli fuq il-ħnejja prinċipali tal-knisja. Intesiet u nstabet biss fl-1492 meta xi ħaddiema li kienu qed jaħdmu fuq is-saqaf tal-knisja lemħu rħama ħamra b'kitba fuqha li tgħid "Titulus Crucis". Warajha sabu kaxxa taċ-ċomb bis-siġill tal-kardinal Gerardus (li kien sar il-Papa Lucius II). Fil-kaxxa kien hemm tabella ta' njam abjad b'kitba ħamra bil-Lhudi, Griek u Latin. Dak iż-żmien il-kulur kien għadu vivaċi imma meta sebgħin sena wara raha l-kittieb Bosio, il-kulur kien tefa' u l-injama kienet mimlija susa.
3. **Il-Kuruna tax-Xewk**. Għandha dijametru ta' 21ċm u dawrulha ħjut tad-deheb biex tibqa' sħiħa. Huwa dokumentat li fl-409 kienet f'Ġerusalem u minn hemm ittieħdet Kostantinopli fl-1063, għalkemm uħud mix-xewk tagħha kienu diġà tneħħew u ngħataw lil xi rejiet Ewropej. Fl-1238 ir-re Baldwinu II rregalha lir-Re Luwiġi IX ta' Franza u dan bena l-Kappella Sagra fejn tinżamm. Matul ir-

# Express
## Aluminium Limited

Importers and manufacturers of all type of aluminium works, specialising in circular works with more than 13 years experience in craftsmanship and finish.

*Our range of products include:*
**Showroom Façades, Vertical Blinds, Maltese Style Balcony, Rolling & Sliding Nets, Light Weight Aluminium Chairs and Folding Tables, Roller Shutters, Work In Double-Glazing Finish & Spiral Staircases**

*Give us a ring or call personally for advice and free estimates at our showroom where we are always available to help you make the right decision.*

**"Express Building", Mdina Road, Żebbuġ ZBG 06, Malta**
**Tel: 2146 1078 / 2146 5110 • Fax: 2146 5798**



# PUSHKA.

**The Strand, Sliema** • Tel: 2131 3156

**Sciortino Street, Żebbuġ** • Tel: 2746 0100



rivoluzzjoni Franċiża, tqegħdet fil-Bibjoteka Nazzjonali sal-1806 meta l-kuruna (bla xewk) ittieħdet fil-Katidral ta' Notre Dame f'Pariġi. Jeżistu sebgħin xewka li huma maħsuba li darba kienu parti minn din il-kuruna. Studjużi jaħsbu li l-kuruna oriġinali aktar milli forma ta' kuruna kienet aktar tixbaħ beritta tonda li tgħatti r-ras kollha.

4. **L-imsiemer**. Sabithom ukoll Elena madwar 300 sena wara l-kruċifissjoni ta' Kristu. Jingħad li bagħtet musmar wieħed lill-Bażilika ta' Santu Kruċ f'Ruma u t-tnejn l-oħra tathom lil binha l-Imperatur Kostantinu. Dan waħħal wieħed fil-kuruna tiegħu u ieħor fil-brilja taż-żiemel tiegħu biex jipproteġuh. Issawru xi leġġendi dwar l-imsiemer, bħal dik li Sant Elena waddbet musmar minnhom fil-baħar Adriatiku biex tikkalma tempesta[2] għax beżgħet li kienet se tegħreq. Tidher ħaġa stramba li Elena tasal 'tarmi' wieħed mill-imsiemer u aktar jista' jkun li ordnat li jitniżżel fil-baħar marbut ma' ħabel u wara jerġa' jittella' lura. Il-brilja u l-musmar l-ieħor baqgħu f'Kostantinopli sas-sena 550 meta ttieħdu f'Ruma aktarx minn San Gregorju l-Kbir li dak iż-żmien kien prelat f'Kostantinopli. Aktarx li wieħed minn dawn l-imsiemer tqiegħed fil-kuruna tal-ħadid tal-Lombardija li biha kien inkurunat Karlu Manju u li issa tinsab fil-Katidral ta' Monza. Jidher li xi msiemer oriġinali ġew illimati u l-frak tal-ħadid li ħareġ tħallat mal-ħadid li bih saru msiemer oħra jixbħu lil dawk veri. Saru wkoll msiemer li kienu kopja fidila tal-imsiemer veri u ntmessu ma' musmar veru. B'hekk inħolqu bosta msiemer relikwi. Kien għalhekk li Erasmu kien ikkummenta li waqt li l-istudjużi kienu jtellgħu u jniżżlu jekk kinux intużaw tlieta jew erbat imsiemer, jiġru fost id-devoti kien hemm xi tletin musmar meqjusin bħala veri. Jidher però li l-musmar waħdieni li jinsab fil-Bażilika ta' Santu Kruċ f'Ġerusalem huwa ġenwin.



5. **L-Immaġini ta' Edessa u l-Liżar ta' Turin**. Sa minn żmien bikri ħafna fil-ħajja tal-knisja, fil-belt ta' Edessa (illum Urfa, fit-Turkija) kienet meqjuma relikwa li hija xbieha ta' Wiċċ Kristu fuq ċaruta. Din aktarx hija ċ-ċaruta li tissemma mill-Evanġelisti Luqa u Ġwanni bħala li nstabet fil-qabar ta' Kristu wara li rxoxta. Maħsub li d-dixxiplu Taddew ħa din iċ-ċaruta, li issa hija magħrufa bħala l-Mandiljun Imbierek, lejn Edessa. Mandiljun hija kelma Arbija li tfisser velu jew maktur. Fi żmien il-persekuzzjoni tal-insara minn Man'nu VI, il-Mandiljun ġie moħbi fil-ħajt fuq il-bieb tal-punent ta' Edessa fejn baqa' ssiġillat sakemm instab fis-sena 525 meta kien qed jissewwa l-ħajt. L-Imperatur Ġustinjanu bena

# Żebbuġ Stationers & Newsagents

*For all kinds of stationery, magazines, books, a large selection of greeting cards, toys, gifts, watches, lamination, photocopying service, digital printing, developing and printing of films and more ....*

**Sciortino Street, Żebbuġ**
**Tel: 21466076, 21462545**

# Paul Woodworks

Prop. PAUL SCHEMBRI

Garage No. 2 Plot 17,
N/S Off Mdina Road,
Żebbuġ, Malta

Tel: 2146 6615

# THE ROSE SHOP

*24 Hours Delivery*
*Service 7 days a week*

New Street, Qormi
Tel: 2148 3341
Ray: 9945 8532
Mike: 9946 6696





L-immaġini ta' Edessa

l-katidral ta' Santa Sofia f'Kostantinopli biex fih jinżamm dan il-mandiljun li minn dakinhar beda jissejjaħ 'imbierek'[3].

Dan li kien ikkunsidrat li hu velu jew maktur instab aktar tard li fil-fatt kien liżar twil erba' metri u kwart u wiesa metru (4.34m x 1.09m). Kif jista' jkun dan? Li ġara kien li fi żmien l-appostli l-liżar intewa b'mod li baqa' jidher biss il-wiċċ u tpoġġa fi nkwatru. Dan sar biex jinħeba l-liżar għax fid-drawwiet Lhudin, il-kefen kien xi ħaġa mnizza u għalhekk ma kellhiex tintmiss wisq anqas tinżamm fejn tidher. F'ritratti tal-liżar ta' Turin jidhru tmien tinjiet li jikkonfermaw din it-teorija tal-istudjużi. Barra minn hekk sa mis-sena 525AD t-tpinġijiet li saru ta' wiċċ Kristu jixbħu lil din l-imaġini ta' Edessa. Dawn it-tpenġijiet kif ukoll l-ikoni Biżantini bikrin jaqblu ħafna mal-wiċċ li jidher fuq il-liżar ta' Turin li allura juri li dan kien ilu magħruf u meqjum mill-insara sa mis-seklu sitta. Fis-sena 944 il-Mandiljun Imqaddes ittieħed minn post għall-ieħor. Kien hawn li l-Mandilju nfetaħ u nstab li fil-fatt kien liżar u mhux maktur u li kien fih dehra ta' ġisem sħiħ. Sa daż-żmien, fil-pittura lil Kristu midfun kienu juruh imkebbeb fil-faxex bħal mummja. Minn hawn 'il quddiem bdew juru lil Kristu mindud u mkebbeb f'liżar. Il-liżar beda jittieħed 'l hawn u 'l hemm biex jintwera għall-qima tad-devoti f'diversi postijiet, prattika li baqgħet għaddejja sas-sena 1204 meta sparixxa. L-istoriċi fil-membri tar-raba' kruċjata li b'zelu esaġerat bdew ikissru l-bini u l-knejjes ta' Kostantinopli. Matul is-sekli ntilef u reġa' nstab kemm-il darba. Ftit wara s-sena 1350 tfaċċa għand il-kavallier tat-Templari Geoffrey de Charny. Sal-1357, biex taqla' xi ħaġa, l-armla ta' dan il-kavallier kienet tpoġġieh għall-wiri fir-raħal Franċis ta' Lirey, 160 km fin-nofsinhar ta' Pariġi. B'hekk reġa' sar magħruf. Fl-1453, il-liżar għadda mingħand il-familja Charny għal għand Luwiġi ta' Savoja. Fl-1464, il-Papa Sistu IV kien iddikjara li jikkonsidra dan il-liżar bħala awtentiku. Ittieħed lejn Turin fis-sena fl-1578. F'Ottubru ta' dik is-sena San Karlu Borromeo kien mar bil-mixi minn Milan biex jarah. Fl-1694, il-liżar tpoġġa fil-kappella rjali fil-katidral ta' Turin fejn għadu sal-lum u għalhekk nafuh bħala l-liżar ta' Turin. Baqa' propjetà tal-familja Savoja sal-1983 meta ngħata lill-Vatikan.

Il-Liżar ta' Turin huwa forsi l-aktar relikwa misterjuża, kontroversjali u li ġiet studjata xjentifikament. Fih jidhru marki ta' ġisem sħiħ ta' raġel li kien imsallab.

Beda jitqies storikament bħala l-kefen ta' Kristu mill-erbatax-il seklu 'l quddiem. L-istorja dokumentata tiegħu qabel dak iż-żmien mhix ċara imma jidher li din kienet marbuta mill-qrib mal-Mandiljun ta' Edessa li ilu meqjum mill-ewwel żminijiet tal-knisja. Studjużi ta' dan il-liżar ikkonkludew li Ġesù kellu aktar minn 120 ferita kkaġunati mis-swat tal-flaġelazzjoni.


Il-Liżar ta' Turin

6. **Il-Kolonna tal-Flaġellazzjoni**. Skont San Girgor ta' Tours, il-Venerabbli Bede, San Prudenzju u San Ġlormu, din kienet miżmuma fuq il-Muntanja ta' Sijon, f'Ġerusalemm flimkien ma relikwi oħra tal-passjoni. Minn hemm ittieħdet lejn Ruma mill-Kardinal Ġwanni Colonna fis-sena 1213 u tqiegħdet fil-knisja ta' Santa Prassede fejn għadha sal-lum. Il-kolonna hija ta' rħam lewn gris, twila 45ċm u għandha dijametru ta' 30ċm fin-naħa t'isfel u ta' 20ċm in-naħa ta' fuq ma fejn huwa mwaħħal ċirku tal-ħadid. Il-Lhud kienu jsawtu l-ewwel fuq id-dahar, imbagħad fuq iż-żaqq u l-ġnub u aktarx lii r-Rumani kienu jagħmlu l-istess.
7. **Il-Velu tal-Veronika** illum jinsab fil-Bażilika ta' San Pietru f'Ruma. Huwa drapp qisu ħarir kważi trasparenti, lewn l-għasel skur, b'qies 17ċm b'24ċm u juri l-wiċċ ta' raġel bid-daqna, b'xahar twil u b'għajnejh miftuħin (waħda ftit aktar mill-oħra). Jidher tbenġil u xi demm magħqud fuq l-imnieħer. Fih il-ħarsa ta' żagħżugħ li sofra ħafna, jjidher għajjien imma kalm u seren, jissaporti bil-paċenzja. Mill-Lvant Nofsani l-velu ttieħed Kostantinopli u minn hemm għal Ruma fejn għal mijiet ta' snin inżamm fil-Bażilika ta' San Pietru. Meta parti minn din il-knisja sarilha tibdil strutturali, il-velu sparixxa. Wara xi żmien tfaċċa fil-knisja tal-monasteru tal-Kapuċċini fir-raħal żgħir ta' Manoppello fir-reġjun tal-Abruzzo fl-Italja fejn jidher li kien ilu sa mill-1660. Dan ikkonfermah Fr Heinnrich Pfeiffer fl-1999. Minn studji li saru jidher li l-wiċċ fuq dan il-velu jaqbel ma' dak li jidher fuq il-liżar ta' Turin u mat-tbajja tad-demm li hemm fuq is-sudarju ta' Ovieto. Id-devozzjoni lejn din ir-relikwa bdiet fi żmien il-Papa Ġwanni VII (705-707). Fl-1011, il-Papa Serġju IV kkonsagra artal għal qima ta' dan il-velu u l-Papa Bonifaċju VIII kompla firex id-devozzjoni lejh fl-1300.



Wiċċ ta' Kristu

8. **Il-Lanza** li biha Lonġinu nifed il-kustat ta' Kristu tissemma flimkien ma' relikwi

oħra mill-pellegrin San Antoninu ta' Piacenza li fis-sena 570 rahom fil-Bażilika ta' Sion. Nafu li fis-sitt seklu l-lanza kienet venerata f'Ġerusalem kif jikkonfermaw San Girgor ta' Tours u Cassiodorus. Meta fis-614 Ġerusalem waqgħet f'idejn ir-re Persjan Kosroes, ir-relikwi mqaddsa spiċċaw f'idejn il-pagani. Fl-istess sena, il-ponta tal-lanza tpoġġiet fil-katidral ta' Santa Sofia f'Kostantinopli. Erakliju ġab lura r-relikwi f'idejn l-insara u għal-ħabta tas-sena 670 kienu fil-Knisja tal-qabar ta' Kristu f'Ġerusalemm. Jidher illi nstabet fis-sena 109AD f'Antjokja fejn kienet intradmet apposta biex ma taqax f'idejn is-Saraċini. Ittieħdet lura Ġerusalemm u aktar tard lejn Kostantinopli. Sir John Mandeville ddikjara li kien ra l-ponta tax-xafra tal-lanza f'Kostantinopli fis-sena 1357. Ir-Re Baldwinu II kien bagħat il-ponta tal-lanza minn Kostantinopli għal Venezja bħala rahan għal self ta' flus li kienu tawh. Ir-Re San Luwiġi ta' Franza kien akkwistaha billi feda d-dejn u ħadha lejn Pariġi fejn għadha tinżamm fil-Kappella Sagra. Il-kumplament tal-lanza baqa' f'Kostantinopli wara li din il-belt intrebħat mit-Torok sakemm fl-1492 is-Sultan Bajazet bagħatha (bla ponta) lill-Papa Innoċenz VIII u llum tinsab fil-Bażilika ta' San Pietru, Ruma.

9. **Il-Kalċi** li ntuża minn Kristu fl-aħħar Ċena ħadd ma jaf fejn hu. Hawn aktar minn kalċi wieħed li ssib min jaħseb li hu dak veru. Il-Vatikan jirrikonoxxi dak miżmum fil-katidral ta' Valenzja fi Spanja bħala relikwa storika iżda mhux bilfors bħala dak li uża Kristu.
10. **It-Tunika**. Skont it-tradizzjoni t-tunika ta' Kristu li s-suldati qatgħu x-xorti għaliha fuq il-Golgota ntsabet ukoll minn Sant'Elena flimkien ma' relikwi oħra. Qiegħda fil-Katidral ta' Trier fil-Ġermanja. Fil-Knisja ta' Argenteuil fi Franza wkoll hemm tunika li jgħidu li kien ġabha hemm Karlumanju.
11. **Il-Wiċċ ta' Kristu**. Fil-Monasteru tal-Wiċċ ta' Kristu f'Alicante fi Spanja, hemm kopja tax-xbiha tal-wiċċ ta' Kristu magħmul minn fuq il-velu tal-Veronika, akkwistat fl-1453 mill-Papa Nikola V mingħand il-qraba ta' wieħed mill-imperaturi Biżantini.
12. **It-Taraġ Sagru**. Maħsub li huma t-tarġiet li minn fuqhom mexa Ġesù meta kien fil-Pretorju ta' Ponzju Pilatu. Skont it-tradizzjoni kienet Sant'Elena li ħadet dawn it-tarġiet Ruma fir-raba' seklu. Dan it-taraġ jikkonsisti fi tmienja u għoxrin tarġa tal-irħam abjad li tqegħdu f'parti mill-palazz l-antik tal-Lateran faċċata tal-Bażilika tal-Lateran u jagħtu għall-kappella ta' San Lawrenz li fl-antik kienet tintuża mill-papiet.



It-Taraġ Sagru

13. **L-Isponsa Mqaddsa u l-qasba** li ntużaw mis-suldat li xarrab xufftejn Ġesù bil-ħall kienu venerati f'Ġerusalemm fi żmien San Girgor ta' Tours (544-595). Fis-sena 614 ttieħdu lejn Kostantinopli meta Ġerusalemm intrebħet mill-Persjani.


Vany's
by amy's collection
Clothes for all ages - Underwear - Baby Needs
Accessories - Jewellery - Home Linen - and more...
2, Paris Street, Zebbug
Tel: 21467997
Email: amyscollection@gmail.com


Chris Auto Mechanic
& 24HR Towing Service
Repairs & services on all types of Petrol and Diesel Engines.
Specialising on diagnostic equipment.
TEL: 2146 0896 MOB: 9987 2413

Nafu li kienu ħaduhom lura Ġerusalemm għax il-Venerabbli Bede (672-735) qal li kien ra l-isponsa mqaddsa f'kontenitur tal-fidda. Sponsa mxarrba bil-ħall kienet tintuża biex twaqqaf id-demm milli jkompli ħiereġ mill-feriti ħalli l-kriminal mislub idum aktar ħaj u allura jbati iżjed. Din l-isponsa qiegħda fil-kappella tar-relikwi fil-knisja ta' Santu Kruċ f'Ġerusalemm. Biċċiet mill-isponsa mqaddsa jinsabu fil-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore, f'Santa Maria Transtevere, f'San Ġwann Lateran u fil-knisja ta' Santa Marija f'Campitelli, kollha f'Ruma. Biċċiet oħra jinsabu f'San Ġakbu f'Compiegne, Franza u f'Aachen, fil-Ġermanja. Il-qasba kienu qasmuna u biċċiet minnha qegħdin Firenze, Lunegarde fil-Bavarja u fil-Greċja.


Il-Bażilika tad-Demm Imqaddes, fi Bruges, il-Belgium

14. **Demm ta' Kristu**. Il-Bażilika tad-demm Imqaddes li tinsab fi Bruges, fil-Belġju għandha fjal li fih ċaruta li jgħidu li hija mċappsa bid-demm ta' Kristu li kienet inġabet hemm minn Thierry ta' Alsace wara t-tnax-il seklu.


Il-fjal bid-demm ta' Kristu

15. **Is-sikkina** wżata minn Ġesù waqt l-aħħar Ċena kienet meqjuma fi żmien il-medju evu u tissemma fil-gwida għall-pellegrini lejn Santiago de Compostela. Skont il-Franċiż Jules-Léonard Belin din is-sikkina kienet għall-wiri fid-daħla tal-kampnar tal-Katidral ta' San Mark fi Venezja.
16. **Il-Kalvarju**. Ġewwa l-Knisja tas-Sepulkru Mqaddes f'Ġerusalem, tinsab blata għolja kważi 5m, u wiesa 7m bi 3m, li jaħsbu li hija l-quċċata tal-Golgota fejn kien imsallab Ġesù.
17. **Is-Suba ta' San Tumas** li bih huwa miss il-ferita tal-kustat ta' Kristu jinsab fil-Bażilika ta' Santu Kruċ bħala parti minn kollezzjoni ta' relikwi. F'din il-bażilika hemm ukoll relikwarju li kien ta' San Girgor il-Kbir.
18. **Sudarju ta' Oviedo** huwa biċċa ċaruta mċappsa bid-demm, li jaħsbu li kienet tpoġġiet fuq ras Kristu mejjet. Miżmuma fil-Kappella ta' San Mikiel fil-Katidral tas-Salvatur f'Ovieto, Spanja. Sudarju huwa drapp li jintuża biex wieħed jimsaħ l-għaraq. Il-qies tiegħu huwa ta' madwar 84 x 53 ċentimetri. Is-Sudarium ta' Ovieto huwa maħsub li kien id-drapp imkebbeb ma' ras Kristu mejjet kif jissemma fl-Evanġelju ta' San Ġwann (20:6-7). Il-Kappella ta' San Mikiel inbniet apposta

mir-Re Alfonsu II fis-sena 840AD biex fiha jinżamm dan is-sudarium li jinħareġ mill-arka u jitpoġġa għal wiri tliet darbiet fis-sena, fil-Ġimgħa l-Kbira, fil-festa tar-rebħa tas-Salib fl-14 ta' Settembru u ġimgħa wara fil-21.

Din il-biċċa drapp hija mkabra u mkemmxa u fiha tbajja skuri mqassmin b'mod simmetriku iżda li ma jiffurmawx stampa. L-ewwel li tfaċċa dan is-sudarju kien fis-sena 570 mill-pellegrin Antoninus ta' Piacenza li meta ddeskriva l-art imqaddsa kiteb li s-sodarju kien miżmum ġo għar ħdejn il-monasteru ta' San Mark viċin Ġerusalemm. Meta r-Re Khosrua II tal-Persja invada l-provinċji ta' Bizantium fis-sena 614, is-sodarju ttieħed minn hemm lejn l-Afrika ta' fuq u sentejn wara twassal fi Spanja.

Ħafna mit-tbajja fuq is-sodarju jaqblu ma dawk fuq il-liżar ta' Turin fejn kienet ras Kristu. Testijiet wrew li d-demm fuq iż-żewġ relikwi huwa t-tnejn tat-tip AB li hu komuni fil-Lvant Nofsani. Minkejja dan hemm min jaħseb li d-demm fuq is-sodarju seta' ġie minn xi ħadd li messu sekli wara l-liżar.

## Relikwi oħrajn



Ir-Relikwarju tas-Sudarju ta' Oviedo

i. **L-Isponsa mċappsa bid-demm**. Biċċa mill-isponsa mqaddsa hija miżmuma fil-Knisja ta' San Ġwann Lateran f'Ruma, kif ġa għidna. Kien hemm min bi żball kien jaħseb li din hija l-isponsa ta' Santa Prassede. Kien ġara li grupp ta' 23 nisrani nqabdu mistoħbija fid-dar ta' Santa Prassede u nqatlu quddiemha. Hija ġabret kemm setgħet mid-demm ta' dawn il-martri bi sponsa, u ħbietha f'bir fejn aktar tard spiċċat midfuna hi stess. Dan il-lok illum huwa mmarkat b'diska fl-art tal-bażilika ddedikata lil Santa Prassede f'Ruma.



Il-Kappella ta' San Mikiel fejn hu miżmum is-sodarju ta' Oviedo

ii. **L-Ortodossi tal-Lvant**. Il-qima ta' relikwi għandha importanza kbira fil-knisja Ortodossa. It-Teoloġija Ortodossa tqis il-ġisem ta' qaddis bħala li jkun mibdul mill-grazzja divina u għalhekk il-fdalijiet ta' nsara mejtin tqishom bħala relikwi u titrattahom b'rispett. Għalhekk ma jiġux ibbalzmati. Relikwi ta' qaddisin jitpoġġew għall-wiri u l-qima tal-insara ħajjin. Fl-istess ħin twiddeb li l-adorazzjoni tar-relikwi hija idolatrija.

Ir-relikwi jintużaw fil-konsagrazzjoni ta' knisja ġdida. Jittieħdu fi proċessjoni minn xi knisja qrib u bihom iduru tliet darbiet mal-


Antiminsion Rumena minn Oradea-Mare fit-Transilvanja, 1890


Is-Salib ta' San Ninu fil-katidral ta' Tbilisi fil-Ġorġa

knisja l-ġdida u fl-aħħar jitqegħedu ġo artal. Xi relikwa żgħira ta' qaddis (preferibbilment ta' martri) tinħiet fl-*antimension* li l-isqof jagħti lil saċerdot ġdid u b'hekk juri li qed jawtorizzah li jiċċelebra l-quddiesa. Din hija biċċa drapp kwadra, aktarx tal-ħarir li turi lil Kristu mniżżel mis-salib u l-erba evanġelisti. Mingħajrha qassis ma jqaddisx.

Il-Knisja Ortodossa ma tikklassifikax ir-relikwi bħalma tagħmel il-Knisja Kattolika, imma xorta waħda tqim ir-relikwi tal-passjoni ta' Kristu kif ukoll dawn ta' qaddisin. Fost ir-relikwi għeżież għall-Ortodossi hemm is-Salib ta' Kristu, il-ktajjen ta' San Pietru, is-salib tad-dielja ta' San Ninu. Jagħmlu wkoll pellegrinaġġi lejn l-art imqaddsa u lejn l-oqbra ta' qaddisin.

**Referenzi**


1 Wikipedia, the free encyclopedia

2 http://en.wikipedia.org/wiki/Relics_attributed_to_Jesus

3 http://www.catholictreasures.com/articles/oninstrm.html

4 http://www.smashinglists.com/famous-relics-jesus-christ/

5 http://books.google.com.mt/books?id=2NutWXeteNgC&pg=PA44&lpg=PA44&dq=holy+relics+of+the+passion&source=bl&ots=8qN2-TwOPv&sig=-ZY1sNoCQEr7DFGUyyniBWDbYWg&hl=en&sa=X&ei=AfP-UNPkAqeF4gTP2oCoBA#v=onepage&q=holy%20relics%20of%20the%20passion&f=false

6 http://books.google.com.mt/books?id=qtgotOF0MKQC&pg=PA682&lpg=PA682&dq=relics+of+the+passion&source=bl&ots=zxlW_ZpQTt&sig=VbJaP1ALrC09HM6-3OKTzO3yyHM&hl=en&sa=X&ei=c_f-UOaRGciA4gTd5IGwCg&ved=0CEYQ6AEwBDg8#v=onepage&q=relics%20of%20the%20passion&f=false


i 2 Slaten 13:20-21. Dawn il-versi juru li Elizew baqa' jagħmel il-mirakli wara mewtu – mejjet jirxoxta malli jmiss mal-għadam tal-profeta.

ii Hemm min jgħid li Sant'Elena ma rmietx il-musmar fil-baħar imma biss ordnat li jitniżżel fl-ilma baħar u wara ġie mtella'. Dawn jirraġunaw li din ma kinetx se tarmi teżor bħal dan.

iii Jeżistu żewġ immaġni li meqjusa bħala mandiljuni. Wieħed huwa l-Wiċċ Imqaddes ta' Kristu, li jinsab Ġenova fil-Knisja ta' San Bartilmew tal-Armeni. L-ieħor huwa l-wiċċ ta' San Silvestru miżmum fil-Knisja ta' dan il-qaddis f'Capita f'Ruma sal-1870 u li issa jinsab fil-Kapella Matilda tal-Palazz tal-Vatikan.

# It-Triq tas-Salib u tal-Qawmien

**Kitba Oriġinali tal-Via Crucis tal-Kardinal Joseph Ratzinger, Illum il-Papa Beneditttu 16**

**maqluba ghall-Malti minn Philip E. Said**

## It-Tnax-il Stazzjon: Ġesù jmut fuq is-Salib

*Pilatu għamel kitba u waħħalha fuq is-salib; fiha kien hemm miktub, 'Ġesù ta' Nazaret, is-sultan tal-Lhud.' Din il-kitba qrawha ħafna Lhud għax il-post fejn sallbu lil Ġesù kien qrib il-belt, u l-kitba kienet bil-Lhudi, bil-Latin u bil-Grieg.*

*Mill-Vanġelu ta' San Ġwann (19, 19-20)*

*. . . U f'xi t-tlieta ta' wara nofsinhar, Ġesù għajjat b'leħen qawwi u qal: "Eli, Eli, lema sebaqtani?": jiġifieri, "Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?" . . . U minnufih wieħed minnhom mar jiġri, qabad sponża mimlija bil-ħall, waħħalha f'tarf ta' qasba, u tah jixrob . . . Imma Ġesù reġa' għajjat għajta kbira u ta ruħu . . . Iċ-ċenturjun u dawk li kienu għassa ta' Ġesù, kif raw l-art titheżżeż u jiġri dak kollu, imtlew b'biża' liema bħalu, u qalu: "Dan kien tassew l-Iben t'Alla!"*

*Mill-Vanġelu ta' San Mattew (27, 45-50; 54)*

### Riflessjoni

Donnok mirbuħ dhert għal bosta bla ħajja fuq salibek,
U ħafna ddubitaw dak li kienu semgħu f'tagħlimek.
Iżda mingħajr ma ntebħu dawk li kkundannawk
Sultan ta' kollha kemm hi l-umanità kienu qegħdin jipproklamawk:
'Dan hu s-sultan tal-Lhud' ---
Kienet taqra l-kitba fuq rasek, bl-Ebrajk għal niesek,
Flimkien mal-kitba bil-Grieg u bil-Latin,
L-Ilsna magħrufa għad-dinja ta' żmienek.
Dak stess li kkundannak ---il-gvernatur Pilatu ---
Profeta kien, minkejja l-paganeżmu u l-arroganza tiegħu
Għax bla ma ried xandrek b'Messija mwiegħed
Quddiem kulħadd, quddiem dawk qrib, quddiem min Minnek tbiegħed.
Kont ferm attent u kawt sabiex taċċetta t-titlu ta' Messija
Biex ma tfixkelx 'il dawk li kienu jisimgħuk mimlija mistoqsija.
Iżd'issa dan it-titlu pubblikament ġie mgħarraf
Minn fuq l-istess salibek . . . x'kontradizzjoni!
Li tkun magħruf b'Messija f'dik il-kondizzjoni!?
Mill-qiegħ tal-istmerrija tlajt fl-ogħla ġieħ, fl-ikbar foħrija!
Dik rasek kollha xewk, b'idejk, b'riġlejk imtaqqba, xerridt tal-ħniena d-dija.
Wassalt sa tmiemha l-offerta Tiegħek Innifsek,
Sal-aħħar wettaqt il-kmand li Miegħek għex u trabba
Biex sirt ir-rivelazzjoni sħiħa t'Alla li hu mħabba.
Urejtna min hu Alla, urejtna xi tkun t'Alla l-vera Saltna
Sew sew fil-ħin li minsi ħassejtek u mtaqqal bit-tbatijiet tagħna;

U waqt id-dramm tal-fidwa imfisser bi kliemek bid-dieqa ta' Missierek il-assenza
Urejtna xi tfisser l-imħabba u tal-Missier il-vera preżenza.
Iddallmet id-dinja u nħasset titriegħed din l-art
Hekk kif raw li sal-aħħar kont xogħlok temmejt
U 'l ruħek lis-sema, fil-paċi raddejt.
Il-ġrajja tas-salib Tiegħek inbidlet fi ġrajja ta' kollu l-ħolqien
Għax welldet il-Knisja u saret sultana taż-żmien:
Infetħu magħha s-smewwiet, intlew ix-xmajjar u l-ħofor tal-art,
Iġġeddet il-ħajja, kullimkien beda jfewwaħ bil-ħlewwa tal-ward,
Għarfet is-saltna Tiegħek Ruma ma' kollha kemm hi l-umanità
U stqarret quddiem kulħadd: "Dan l-Iben t'Alla tassew, bis-serjetà"!.

### Talba

Sinjur Ġesù Kristu, fis-siegħa ta' mewtek id-dalma sewdiena għattiet id-dija tax-xemx. L-istess tagħmel l-istorja tal-bniedmin: kull darba li nagħżlu d-dalma tal-ħażen inkunu qed naħbu lil wiċċek, naħarbu minn ħarstek, noskuraw id-dehra Tiegħek. Bl-inġustizzja li noħolqu madwarna ma nħallukx tingħaraf aktar fi ġrajjietna. Iżda Int, minkejja did-dalma ġewwa fina u madwarna, minn fuq salibek stess ġejt merfugħ, u mill-għolja tal-kundanna urejt Lilek Innifsek rebbieħ, Alla ta' kulħadd, Salvatur tad-dinja, Alla li jbati u jħobb. L-imħabba Tiegħek nifdet id-dalma sewda, ċarrtet l-għeluq u xegħel il-qlub, l-imħuħ. Għenna, Mulej, Sultan rebbieħ, nagħrfu 'l wiċċek fis-siegħa tad-dlamijiet u tat-tbatija. Għenna nemmnu Fik, nimxu warajk. Wieżen il-passi tagħna biex ma nogħtrux fid-dlam tal-ebusija u l-inċertezzi. Urina 'l wiċċek jiddi, il-wiċċ tat-Tabor. Uri kull ħin Lilek Innifsek fl-istorja. Urina s-salvazzjoni Tiegħek.

* * *

## It-Tlettax-il Stazzjon:
## Ġesù jitniżżel minn fuq is-Salib u jingħata lil Ommu Marija

Iċ-ċenturjun u dawk li kienu miegħu għassa ta' Ġesù, kif raw l-art titheżżeż u jiġri dak kollu, imtlew b'biża' liema bħalu, u qalu: "Dan kien tassew l-Iben t'Alla!" Hemmhekk kien hemm ħafna nisa jħarsu mill-bogħod, dawk stess li kienu mxew wara Ġesù biex jaqduh sa minn meta kien għadu fil-Galilija.

*Mill-Vanġelu ta' San Mattew (27, 54-55)*

### Riflessjoni

Ġesù, quddiemek mejjet b'rispett, b'imħabba nbaxxu rasna
Issa li ġejt ċertifikat mejjet mad-daqqa taħt qalbek tal-lanza rumana.
Minn qalbek minfuda ċarċru qtar imħallta ta' ilma safi u demm ħamrani,
Il-wieħed xbieha misterjuża tal-Magħmudija,
L-ieħor figura meraviljuża tal-Ewkaristija.
Demm u Ilma, tal-ħajja fis-Sagramenti in-nixxiegħa
Nedew tal-Knisja li twieldet minn qalbek ir-rebbiegħa.
Bħall-veru Ħaruf tal-Għid l-ebda għadma ma kissrulek;
Bqajt akkumpanjat mill-ħbieb li b'xejn ma riedu jaħarbulek,
Ħbieb li għarfu jirbħu l-biża' li jaf iħarbat biss lil dawk dgħajfin,
Ħbieb tassew li rebħu l-għira tal-għedewwa u s-setgħa tal-kburin.
Miegħek, soda daqs il-blat, baqgħet Ommok Marija, għalkemm sogħbiena,
U l-mara l-oħra, mixħuta f'riġlejk, niedma, il-Madaliena,
U Ġwanni, id-dixxiplu li ħabbejt, biex jagħti l-aħħar xhieda.
Minn Ġużeppi D'Arimathea – xhieda oħra fid-dramma tal-passjoni –



ATTRANS
Established 1976
INTERNATIONAL TRANSPORT
Malta Office
Attrans Ltd
Attrans Depot, Mdina Road
Zebbug, Malta
Tel : +356 22585500
Fax : +356 21465675
Email : info@attrans.com
Benelux Office
Attrans B.V.
Kelvinring 24, 2952BG Alblasserdam
The Netherlands
Tel : + 31 78 6920820
Fax : + 31 78 6920829
Email : info.nl@attrans.com




# BOV Mobile
# fast, simple and secure

Available on the App Store
ANDROID APP ON Google play
FREE DOWNLOAD

Pay with BOV Mobile - an innovative service that allows you to pay anyone easily from your mobile phone, regardless of where you are. Download the free app and register today.

*Your success is our goal.*

**BOV MOBILE**

Terms and conditions apply.

**2131 2020 | bov.com**

Issued by Bank of Valletta p.l.c. 58, Zachary Street, Valletta VLT 1130 - Malta
Android is a registered trademark of Google Inc.

BOV
Bank of Valletta

Ngħatajt difna xierqa kif tassew kien ferm jistħoqqlok,
Ġużeppi li ħaseb fuq kelmtek u sama' mit-twissijiet Tiegħek
Ħadem mill-qrib mal-grazzja u mexa t-triq kollha Miegħek.
B'hekk għadda 'mill-għajn ċkejkna tal-labra, minkejja li fil-ġid kien jistagħna.
Fi ġnien inbidel l-imkien fejn kien il-qabar Tiegħek,
Sabiħ, imdawwal sar b'tar-rebħa fuq il-mewt id-dija,
Kuntrarju tal-ġnien l-ieħor, t'Adam, li ġab id-dlam tad-ħtija.
U l-qabar sar issa simbolu tas-sebħ minflok tal-qerda.
Ta' dan hemm Nikodemu, u miegħu bosta xhieda
Li emmnu, u sa b'demmhom issiġillaw tat-twemmin ir-rieda.
Ukoll fid-dlam tal-mewt bqajt sal-aħħar turina li Inti l-Mulej,
U meta kulħadd ħasbek tellief, urejtna li Inti tagħna l-Feddej.
Fis-siegħa meta moħħna jiddallam u qalbna titqal bid-disperazzjoni
'Tina mill-ġdid l-Ispirtu Tiegħek u l-Fidi li Fik biss is-salvazzjoni.

## Talba

Mulej, Int inżilt fid-dlamijiet tal-mewt waqt li għebet ix-xemx u fuqna waqgħet id-dalma sogħbiena. Kemm hu faċli għalina li naħsbu li Inti staħbejtilna jew li ngħidu f'qalbna, "Mitilna Alla tagħna!" F'mumenti ta' dubbji bħal dawn għenna nifhmu li Int la int mistoħbi u lanqa mejjet. Tabbandunaniex meta nkunu ttentati naqtgħu qalbna u nċedu. Agħtina l-kuraġġ, is-sens ta' fedeltà Lejk sabiex nirbħu t-taħwid ta' ħsibijietna, biex ma ninġarrux minn fantasiji irreali. Agħtina doża aktar qawija ta' mħabba biex nibqgħu nħaddnuk meta nħossuna dgħajfa jew meta nimmaġinaw li Int m'intix tismagħna. Ħa nkunu bħal Ommok Marija meta żammitek ma' qalbha kollha mħabba u duluri, ukoll meta kont bla ħajja, bla ebda setgħa u sura. Għenna lkoll, Mulej --- għonja u foqra, kbar u żgħar, nies b'ħafna tagħlim u dawk li qatt ma tgħallmu, dawk li jmexxu u dawk li huma mmexxija – biex immorru lilhinn mill-beżgħat, mill-preġudizzji tagħna. Lilek irridu noffru l-ħin tagħna, 'il qalbna, il-kapaċitajiet tagħna biex nagħmlu minn ħajjitna mhux qabar vojt, bla ħajja, iżda ġnien imdawwal bil-għodwa rebbieħa tar Resurrezzjoni.

* * *

# L-Erbatax-il Stazzjon: Ġesù mqiegħed fil-Qabar

*Ġużeppi ħa l-ġisem ta' Ġesù u keffnu f'liżar nadif, qiegħdu fil-qabar ġdid tiegħu li kien ħaffer fil-blat, gerbeb ġebla kbira fid-daħla tal-qabar, u telaq. Iżda Marija ta' Magdala u Marija l-oħra baqgħu hemm bilqiegħda biswit il-qabar.*

Mill-Vanġelu ta' San Mattew (27, 59 - 61)

## Riflessjoni

Wara l-passjoni li ġarrabt, u fuq salib rajnik iddiżgrazzjat,
Ngħatajt, kif jixraq, difna bl-unuri biex ma tibqax hekk umiljat;
L-istess bħal dakinhar f'Betanja meta rispett sħiħ urewk,
Bi fwejjaħ prezzjużi dilkuk u hekk ħbiebek gawdewk.
U l-fwieħa li ħarġet minnek b'daqshekk abbundanza
Fissret tal-ġenerożità u tal-imħabba bla qies l-importanza.
Quddiem din ix-xmara fawwara ta' mħabba
Qatt m'għandu fina xi ħsieb ta' xeħħa jitrabba.
Tiegħek il-fwieħa għall-oħrajn irridu li nkunu f'kull żmien
U nxerrdu tagħlimek, imħabbtek ma' kullimkien..
Fost l-irwejjaħ tad-dħaħen il-gwerra, tal-qerda u dmija
Nenħtieġu li ħajjitna bit-tama u l-fidi Fik tkun mimlija

Biex inxerrdu Saltnatek u l-art tkun mifdija.
"Ma tagħtix frott" --- għidtilna --- "il-qamħa
Jekk qabel ma tmutx u taħt l-art ma tindifinx".
Int il-qamħa vera li mitt u ndfint biex mill-ġdid toħroġ isbaħ il-ħajja
Li mid-dnub teħles 'il bniedem u l-ħolqien issaffi minn kull tbajja.
Urejtna dan minn qabel f'tal-ħobż il-multiplikazzjoni,
Imbagħad fl-Ewkaristija, tagħna r-rahan tas-salvazzjoni.
Bis-salib, id-difna u l-qawmien Tiegħek
Sirt l-aqwa nutriment li bih ruħna tistagħna,
Sirt għalina Rigal, Misteru ta' mħabba li bih trid tibqa' għal dejjem magħna.

### Talba

Sinjur, Ġesù Kristu, bid-difna Tiegħek sirt il-qamħa li tmut u tindifen taħt l-art. Sirt il-qamħa bla ħajja li tipproduċi frott bil-kotra għall-ġenerazzjonijiet ta' kull żmien, sal-aħħar taż-żmien. Mid-dlam tal-qabar Tiegħek toħroġ b'saħħitha l-wegħda li Int il-Ħobż tal-Ħajja, l-Offerta Tiegħek Innifsek għalina. Bl-Inkarnazzjoni, il-Mewt u l-Qawmien Tiegħek, il-Kelma Eterna daħlet fl-istorja tagħna sabiex tqarribna Lejk. Wasalt biex qegħedt Lilek Innifsek f'idejna, f'qalbna, biex il-Kelma li tlaħħmet magħna tkun tista' tikber fina u ttina l-frott bnin tagħha. Għinna biex ma nibżgħux nieħdu r-riskju tal-Fidi Nisranija, għax wara nsibu 'l ħajjitna. Saħħaħ fina l-fiduċja fil-qamħa li tmut biex tagħti l-ħajja. Għinna nikbru fil-qima u l-imħabba għall-Misteru tal-Ewkaristija, sabiex tkun Int il-Ħobż tas-Sema, is-sors tas-saħħa u l-ħajja tagħna. Agħtina l-kuraġġ u d-dehen biex inkunu l-fwieħa Tiegħek fid-dinja, biex inwasslu t-triqat misterjużi ta' ħajtek, u tagħhom inkunu fost l-oħrajn xhieda awtentiċi. Bħall-qamħa li ma setgħetx tibqa' midfuna fil-umdu tal-ħamrija, hekk Int ma stajtx tibqa' mistur fil-kesħa ta' ġol-qabar. Mill-ġdid erġajt għall-ħajja bla ma rajt it-taħsir tal-qabar, u b'hekk fil-qalb Tiegħek ta' Alla ħejjejtilna post għall-ġisem tagħna mibdul fil-glorja Miegħek. Għinna nżommu ħaj fina l-ferħ ta' din it-tama u nwasslu din il-hena lid-dinja li fiha rridu nkunu tassew xhieda ħajja tar-Resurrezzjoni Tiegħek.

* * *

## Il-Ħmistax-il Stazzjon: B'Qalbna miftuħa għal Kristu Rxoxt

Kmieni mas-sebħ tal-ewwel jum tal-ġimgħa, marru ħdejn il-qabar . . . Huma sabu l-ġebla mgerrba minn quddiem il-qabar, imma meta daħlu fih, il-katavru tal-Mulej Ġesù ma sabuhx hemm . . . "Il-għala qegħdin tfittxuh qalb il-mejtin lil min hu ħaj? Mhuwiex hawn, imma qam. Ftakru x'kien qalilkom meta kien għadu fil-Galilija: . . . jingħata f'idejn l-għedewwa, ikun isallab, u fit-tielet jum iqum mill-imwiet".

Ġara li tnejn mid-dixxipli kienu sejrin lejn raħal jismu Emmaws . . . jitħaddtu bejniethom fuq kull ma kien ġara. Huma u jitħaddtu u jitkellmu bejniethom, Ġesù nnifsu resaq lejhom u baqa' miexi magħhom. Imma għajnejhom kellhom xi jżommhom u ma setgħux jagħrfuh . . . Qalilhom Ġesù: "Kemm intom boloh u tqal biex temmnu kull ma qalu l-profeti! U ma kellux il-Messija jgħaddi minn dawn il-ħwejjeġ u hekk jidħol fil-glorja Tiegħu?" U beda minn Mosè u l-profeti kollha jfissrilhom kulma kien hemm fl-Iskrittura fuqu.

*Qari mill-Vanġelu ta' San Luqa (24, 1-3; 25, 13-16, 25-37)*

### Riflessjoni

Ġesù irridu, irridu iva nemmnu tassew
Li Inti mill-ġdid qomt għall-ħajja;
Il-Fidi tagħna mhix leġġenda jew immaġinazzjoni fiergħa;
Għandna Fidi Fik, f'dik kelmtek soda li twassal sħiħa l-verità tal-ġrajja
It-tagħlim u l-messaġġ Tiegħek huma aktar minn eżortazzjoni


WB
White Brothers Ltd.
• Haulage • Lifting • Customs • Services
St Bernard Street, Marsa HMR 12, MALTA.
TEL: (+356) 245 512 FAX: (+356) 247 374.
Since 1947 White Brothers Limited continue to dominate the local Cargo Handling scene, servicing Shipping and Forwarding Agents as well as local importers and exporters
Your own agent in Malta ...and Beyond
Apart from its services to the Petrochemical Industry, providing anything from personnel transfers to storage, from pipe inspections to offshore activity, the company also renders services in other areas.
Break-bulk facilities for Sea/Air freight, Customs clearance and deliveries to/from door, Container de/stuffing, Customs-bonded warehousing for Transhipment Cargo, Handling Plant & Machinery and Heavy Lifts are amongst the services offered both to its local and international clients.
Visit our website or call our marketing department to find out more about
Malta's favourite cargo agent.
website at www.whitebrosmalta.com

# Home Insurance

## Because there's no place like home



## Normal is great, when you get it back

Standard cover includes accidental damage to buildings, full theft cover, breakdown of air conditioning equipment, freezer contents, wedding and Christmas gifts and MUCH MORE

**Visit our branch in Gate Avenue, Ħaż-Żebbuġ**

**2146 4873 • www.citadelplc.com**

Citadel insurance

*your secure option*

Citadel Insurance p.l.c. • Casa Borgo • 26 Market Street • Floriana FRN 1082 • Tel: 2557 9000 • E-mail: info@citadelplc.com
***Branches:*** Gżira 2133 2151 • Ħaż-Żebbuġ 2146 4873 • Naxxar 2141 9198 • Paola 2180 6247 • San Ġwann 2733 0044
***Tied Insurance Intermediaries:*** Malta • Gozo

Citadel Insurance p.l.c. is a company authorised to carry on general and long term business of insurance and is regulated by the MFSA.

Jew minn kenn li fih insibu tagħna l-konsolazzjoni;
Huma realtà, ta' ħajja ġdida r-raġuni, it-tifsira ta' dak li hu u l-pedament.
Kien il-qawmien Tiegħek li ġab serħan ir-ras
Kull fejn kien hemm tal-fidi jew tat-tama in-nuqqas.
Irridu narawk tassew Rebbieħ u iRxuxtat
Għax qalbna Għalik infetħet u Fik kontra kull tama ittamat.
Dan hu x'tistenna minna, o Irxuxtat Mulej:
Li niftħu qalbna Għalik, issa u għalli ġej.
Kultant bħal dawk it-tnejn ta' Emmaws
Nitilfu t-triq, ħażina naqbdu d-direzzjoni,
U nagħtu daharna għal dak li konna emminna fih.
Meta jiġrilna hekk, Mulej, u dalma taqa' fuq ħarsitna
Ejja ltaqa' magħna, iddiskuti magħna, sabiex tissaħħaħ kelmitna.
Ħu fuqek il-problemi, id-dubji, il-mistoqsijiet tagħna,
Lisslilna f'widnejna l-kliem ħellies tal-Iskrittura,
Uri l'Int it-triq, tħalliniex naqgħu fix-xibka tal-għajjura.
Tiġġudikaniex, iżda bħala Ħabib akkumpanjana,
Ibqa' sa tard billejl, u oqgħod iekol magħna,
Ħalli fil-qsim tal-ħobż jifhem moħħna, għajnejna beraħ jinfetħu,
Jagħrfuk għal dak li tassew Int – Rebbieħ il-mewt u Salvatur –
U qlubna jaqbżu bil-ferħ biex Lilek Glorjuż fuq kollox isebbħu.

## Talba

Mulej, Ġesù, ilkoll xi darba jew oħra esperjenzjajna kemm konna tqal biex nagħrfu xi jfissru l-ġrajjiet ta' ħajjitna. Int tifhimha din l-esperjenza ta' dgħjufija. Taf kemm għandna ma' wiċċna għażliet ta' toroq differenti, u li xi drabi nagħżlu dik it-triq li tbiegħedna Minnek flok dik li tressaqna iżjed Lejk. Iżda taf ukoll li d-dubji tagħna, il-mistoqsijiet tagħna, it-toroq differenti li kultant naqbdu juru l-ħerqa tagħna li nfittxu u nsibu l-verità. Issa li rxuxtajt u tajtna l-Fidi fil-verità tal-Ispirtu Tiegħek li jmexxi l-Knisja li Inti waqqaft, akkumpanjana f'dan il-vjaġġ ta' tiftix. Kun Int għalina l-punt ta' tluq, il-punt ta' riferiment u l-punt tad-destinazzjoni aħħarija. Fil-qawmien Tiegħek ħajjitna ssib il-milja ta' tifsiritha. Kultant ma nagħrfukx mill-ewwel, ma nindunawx li qiegħed magħna u f'nofsna, naħsbuk assenti jew mistoħbi. Iżda hemm punt meta Int tirrevela Lilek Innifsek, mument ta' kontemplazzjoni, meta nindunaw li qiegħed f'nofsna, mument ta' talb, ta' qima meta nagħrfu l-preżenza Tiegħek mill-Iskrittura Mqaddsa. Laqqagħna ma' dan il-mument ta' rivelazzjoni. Għaddina minn din l-esperjenza personali. Mexxina f'dan il-vjaġġ tal-iskoperta Tiegħek bid-dawl tal-Ispirtu s-Santu. Il-laqgħa personali Miegħek tikkonvertina, tagħtina l-perspettiva t-tajba tar-realtà madwarna, tal-istorja kollha ta' ħajjitna. Huwa f'din il-laqgħa Miegħek meta niftħu qalbna għall-kelma Tiegħek u nifhmu li l-veritajiet tar-reliġjon nisranija mhumiex spekulazzjoni tal-intellett. Imdawla, iva, mir-raġuni, iżda fil-qalba tagħhom huma veritajiet marbuta ma' qalbek u mal-istess natura Tiegħek, veritajiet ħerġin mill-ħajja ġdida Tiegħek rebbieħa fuq il-mewt. Mhux dottrinazzjoni għamja għandna bżonn, iżda konverżazzjoni aktar spissa Miegħek, djalogu ta' ħbiberija li jdawwal bil-għerf tas-sewwa, jibni bl-imħabba u jġib il-konverżjoni! Ħa tkun din it-triq u d-direzzjoni li tieħu l-Knisja Tiegħek u l-mixja tagħna magħha bis-Salib tar-Redenzjoni quddiema u s-sebħ tar-Reżurrezzjoni li jdawlilna l-għodwiet ta' triqtna.

AMEN! ALLELUIA!

**Nota tal-editur:** Din hija r-raba u l-aħħar parti ta' kitba li dehret f'dan il-ktejjeb bejn is-snin 2010 u l-2013. It-tmiem ta' dan l-artiklu nzerta ma' tmiem l-Episkopat tal-Papa Benedittu XVI li rtira minn Papa fit-28 ta' Frar 2013.



Tablets from €99.00
Smart Phones
Express Photo Prints
While you wait!
Passport Photos
T-Shirt Prints
Mug Printing
PERS Electronics
"The electronics' specialists"
Address: 1, Vjal il-Helsien, Ħaż-Żebbuġ
Tel: 21 463 100
Openeing Hours:
Monday to Saturday
8:00am – 12:00pm
4:00pm – 7:00pm

IL-KUNSILL LOKALI
TA' ĦAŻ-ŻEBBUĠ,
Città Rohan,
jifraħ mal-poplu Żebbuġi
f'għeluq il-150 sena
mill-miġja fostna
tal-istatwa titulari ta'
MISSIERNA SAN FILEP
1863 - 2013



